

1725-8359

SIGNALS 2012

# Nibnu l-futur li nixtiequ

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Għatti disinn: INTRASOFT International S.A
Impaġinazzjoni: EEA

**Avviż legali**
Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjonijiet uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew istituzzjonijiet oħra tal-Komunitajiet Ewropej. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas kwalunkwe persuna jew kumpanija li taġixxi f'isem l-Aġenzija mhuma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fih dan ir-rapport.

**Avviż tad-dritt tal-awtur**
© EEA, Kopinħagen, 2012
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li s-sors ikun irrikonoxxut, ħlief għal fejn huwa ddikjarat mod ieħor.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012

ISBN 978-92-9213-265-1
doi:10.2800/34424

**Produzzjoni ambjentali**
Din il-pubblikazzjoni hija stampata skond l-ogħla standards ambjentali.

**Stampata minn Rosendahls-Schultz Grafisk**
— Ċertifikat ta' Ġestjoni Ambjentali: DS/EN ISO 14001:2004
— Ċertifikat tal-Kwalità: ISO 9001: 2000
— Reġistrazzjoni EMAS. Liċenzja nru DK – 000235
— Ekotiketta biċ-Ċinju Nordiku, liċenzja nru 541 176
— FSC Ċertifikat – kodiċi liċenzja FSC C0688122

**Karta**
100 g Cocoon Offset
250 g Cocoon Offset

*Stampata fid-Danimarka*

## Tista' tikkuntattjana

Permezz tal-posta elettronika: **signals@eea.europa.eu**
Fuq il-websajt tal-EEA: **www.eea.europa.eu/signals**
Fuq Facebook**: www.facebook.com/European.Environment.Agency**
Ordna l-kopja tiegħek mingħajr ħlas mill-Ħanut tal-Kotba tal-UE:
**www.bookshop.europa.eu**

RIO+20
United Nations Conference on Sustainable Development

European Environment Agency

# Werrej

**Editorjal –** Inħaddru l-ekonomija tagħna 4

It-triq lejn sostenibbiltà globali 10

L-għajxien f'soċjetà tal-konsum 18

Minn minjiera għal skart, u lil hinn 28

**Mill-qrib** Ħela ta' ikel 38

**Intervista** L-iskart fil-Groenlandja 42

Kif iġġib il-prezz 'ġust'? 46

**Mill-qrib** Kif tagħmel 'sens kummerċjali'? 58

Lokali u globali 62

**Intervista** Perspettiva Ewropea dwar is-sostenibbiltà 74



Editorjal





# Inħaddru l-ekonomija tagħna

**Ħafna nies se jiftakru l-2011 bħala s-sena li fiha raw taqlib finanzjaru, id-diżastru tat-terremot-tsunami-nukleari fil-Ġappun, l-għoti ta' garanziji finanzjarji lil xi pajjiżi fl-Ewropa, kif ukoll il-protesti tal-massa marbutin mar-Rebbiegħa Għarbija, il-moviment Occupy Wall Street u l-Indignados Spanjoli. Ftit biss se jiftakru li kienet anki s-sena li matulha x-xjenzati skoprew aktar minn 18 000 speċi ġdida li jgħixu fuq il-pjaneta tagħna. U hemm saħansitra inqas nies kapaċi jsemmu speċi waħda li ġiet iddikjarata estinta.**

Mad-daqqa t'għajn, id-destin tal-ispeċijiet mhedda donnu jista' jidher f'dinja oħra meta mqabbel mal-ekonomija. Madanakollu, meta wieħed iħares mill-qrib, nibdew nifhmu r-rabtiet bejn dawn it-tnejn. Is-'saħħa tajba' tas-sistemi naturali hija prekundizzjoni għas-'saħħa tajba' tas-sistemi soċjali u ekonomiċi tagħna. Jista' wieħed jgħid li soċjetà sejra tajjeb meta tkun esposta għal tniġġis tal-arja u tal-ilma u ġġarrab problemi tas-saħħa relatati ma' dan it-tniġġis? Bl-istess mod, tista' soċjetà 'tiffunzjona' jekk numru kbir ta' nies ikunu qiegħda jew ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja?

Minkejja diskrepanzi u inċertezzi fil-fehim tagħna, nistgħu naraw li d-dinja tagħna qiegħda tinbidel. Wara 10 000 sena ta' stabbiltà relattiva, it-temperatura medja globali qed tiżdied. Għad li fl-Unjoni Ewropea l-emissjoni ta' gass b'effett ta' serra qed tonqos, il-fjuwils fossili qed jeħilsu ammonti akbar ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera minn dak li l-art u l-oċeani tagħna jistgħu jassorbu. Xi reġjuni huma aktar vulnerabbli għall-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima — u spiss dawn ikunu l-pajjiżi l-inqas ippreparati sabiex jadattaw għall-kundizzjonijiet klimatiċi l-ġodda.

B'aktar minn seba' biljun minna ngħixu fuq il-pjaneta, il-bniedem għandu rwol ċar fl-amministrazzjoni u t-tħaffif ta' din il-bidla. Fil-fatt, jista' jkun li l-livelli ta' konsum u produzzjoni attwali tagħna qed iħassru l-ambjent sal-punt li nirriskjaw li nagħmlu darna inabitabbli għal bosta speċijiet — anki għalina stess. Bosta persuni li jgħixu f'pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp jaspiraw li jkollhom stili ta' ħajja simili għal dawk f'pajjiżi żviluppati, u dan jista' jixħet pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi naturali tagħna.

Qed nitilfu l-bijodiversità globali tagħna b'rata li għadha qatt ma dehret qabel fl-istorja. Ir-rati ta' estinzjoni jistgħu jkunu sa 1 000 darba ogħla mir-rata li kienet tidher fl-sfond storiku. Il-qerda tal-ħabitats hija waħda mir-raġunijiet ewlenin.

Għad li fl-Ewropa, f'dawn l-aħħar deċennji bdiet tiżdied iż-żona totali ta' foresta, fil-livell globali din hija storja differenti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Biedja tan-Nazzjonijiet Uniti tqis li kull sena madwar 13-il miljun ettaru ta' foresti fid-dinja (bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għad-daqs tal-Greċja) jinqatgħu u jiġi konvertiti għal użi oħrajn tal-art, bħal ragħa għall-ifrat, minjieri, irziezet jew żvilupp urban. Il-foresti mhumiex l-uniċi ekosistemi mhedda. Diversi ħabitats naturali oħrajn huma fir-riskju minħabba l-attivitajiet tal-bniedem.



## It-triq tal-ġejjieni: ekonomija ekoloġika inklużiva

Meta t-tħassib primarju ta' kuljum ta' biljuni ta' nies huwa li jkollhom x'jieklu u li jibagħtu lit-tfal tagħhom l-iskola bit-tama ta' ġejjieni aħjar, jista' jkun kważi impossibbli għal ħafna li jevitaw li jagħżlu soluzzjonijiet għal żmien qasir. Sakemm ma jsibux min joffrilhom opportunitajiet oħrajn u aħjar...

Huwa ċar li l-attivitajiet ekonomiċi tagħna jeħtieġu riżorsi naturali. Iżda dak li jista' jidher bħala dilemma — għażla bejn il-preservazzjoni tal-ambjent u l-iżvilupp tal-ekonomija — fil-verità jista' jiżgwidana. Fit-tul, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali jeħtieġ ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

Fi tmiem l-2011, fl-Unjoni Ewropea, waħda minn kull għaxar persuni kienet qiegħda. Għaż-żgħażagħ, din il-figura kienet ta' aktar minn persuna waħda għal kull ħamsa. Il-qgħad iħalli pressjoni kbira fuq l-individwi, il-familji u s-soċjetà kollha. Fl-2010, kważi kwart mill-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Ir-rati ta' faqar globali huma saħansitra ogħla.

Il-mudelli ekonomiċi attwali tagħna jonqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni ħafna mill-benefiċċji li ambjent b'saħħtu jipprovdielna. Il-Prodott Domestiku Gross (PDG) — l-aktar indikatur ekonomiku użat b'mod komuni sabiex juri l-livell ta' żvilupp, l-istandard ta' għajxien u l-istatus ta' pajjiż meta mqabbel ma' pajjiżi oħrajn — huwa bbażat fuq il-valur tal-produzzjoni ekonomika. Ma jinkludix il-prezz soċjali u uman li nħallsu għall-effetti sekondarji tal-attività ekonomika, bħat-tniġġis tal-arja. Min-naħa l-oħra, is-servizzi tas-saħħa pprovduti lil dawk li jbatu minn mard respiratorju huma inklużi bħala kontribuzzjoni pożittiva għall-PDG.

L-isfida hija li niskopru kif nistgħu nerġgħu nfasslu l-mudelli ekonomiċi tagħna b'tali mod li nistgħu niġġeneraw tkabbir u ntejbu l-kwalità tal-ħajja madwar id-dinja mingħajr ma nagħmlu ħsara lill-ambjent, filwaqt li nħarsu wkoll l-interessi tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni. Is-soluzzjoni ngħatat l-isem ta' 'ekonomija ekoloġika'.

Għad li jidher li huwa kunċett sempliċi, it-trasformazzjoni tal-idea f'realtà hija ferm aktar ikkomplikata. Ċertament, se teħtieġ innovazzjoni teknoloġika. Iżda teħtieġ ħafna bidliet oħrajn ukoll — sal-mod kif norganizzaw in-negozji; il-mod kif nippjanaw l-ibliet; il-mod kif in-nies u l-prodotti jiċċaqilqu; fi ftit kliem, il-mod kif ngħixu.

Li kieku kellna ntennu dan kollu f'termini kummerċjali, ngħidu li rridu niżguraw is-sostenibbiltà fit-tul fl-oqsma kollha tagħna ta' ħolqien tal-ġid: fil-kapital naturali, il-kapital uman, il-kapital soċjali u l-kapital manifatturat, kif ukoll il-kapital finanzjarju. Il-kunċett ta' ekonomija ekoloġika jista' jiġi spjegat ukoll permezz ta' dawn il-kapitali distinti iżda marbutin flimkien.

Fl-evalwazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tad-deċiżjonijiet tagħna, irridu nagħtu ħarsa lejn l-impatti fuq l-istokks kapitali. L-investimenti fit-toroq u l-fabbriki jistgħu jżidu l-kapital manifatturat tagħna, iżda fil-verità jistgħu jxekklu l-ġid ġenerali jekk iġibu magħhom il-qerda tal-foresti tagħna (parti mill-kapital naturali tagħna) jew il-ħsara tas-saħħa pubblika (parti mill-kapital uman).

## L-opportunitajiet quddiemna

Fil-verità, il-bidla tal-mod kif ngħixu, nipproduċu u nikkunsmaw tiftaħ dinja ġdida ta' opportunitajiet. Signals 2012 se jagħtik ħarsa ġenerali ta' fejn ninsabu llum, eżattament 20 sena wara s-Summit dwar id-Dinja tal-1992 f'Rio De Janeiro, il-Brażil. Se janalizza kif l-ekonomija u l-ambjent huma marbutin flimkien u għalfejn neħtieġu 'inħaddru' l-ekonomija tagħna. Se jagħti wkoll daqqa t'għajn lejn il-varjetà kbira ta' opportunitajiet disponibbli.

Ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda li se tgħinna nagħmlu tranżizzjoni mgħaġġla jew waħda li taqbel għal kull sitwazzjoni. Hekk pereżempju, minbarra l-għanijiet ġenerali u komuni ta' ġestjoni tal-iskart b'mod effettiv, il-ġestjoni tal-iskart fil-Groenlandja jista' jkollha bżonn tindirizza realtà kompletament differenti minn dik tal-Lussemburgu.

Li nagħżlu l-iktar żmien opportun għandu rwol kruċjali. Illum, neħtieġu soluzzjonijiet li permezz tat-teknoloġija moderna jindirizzaw il-problemi ambjentali li nħabbtu wiċċna magħhom, filwaqt li nżommu f'moħħna li l-politiki u d-deċiżjonijiet kummerċjali tagħna se jkunu jridu jiġu mtejba u adattati kontinwament sabiex nibqgħu aġġornati mal-fehim dejjem akbar tagħna dwar l-ambjent u mal-iżviluppi teknoloġiċi. Iżda diġà hemm bosta soluzzjonijiet lesti għalina. U ħafna aktar li dalwaqt se jkunu magħna.

## Kwistjoni ta' għażliet

Fl-aħħar mill-aħħar, se tkun kwistjoni ta' għażliet — għażliet politiċi, għażliet kummerċjali u għażliet tal-konsumaturi. Iżda kif nagħżlu l-aħjar soluzzjoni?

Għandha l-informazzjoni u l-għodod li neħtieġu sabiex niżviluppaw il-politiki xierqa? Qed nindirizzaw il-kwistjoni fil-livell 'it-tajjeb'? Għandna l-inċentivi jew is-sinjali tas-suq 'it-tajbin' sabiex ninvestu f'enerġiji rinnovabbli? Għandha l-informazzjoni jew it-tikketti 't-tajbin' fuq il-prodotti li qed nixtru sabiex inkunu nistgħu nagħżlu l-aktar alternattiva ekoloġika?

Dak li nafu u meta se niksbu dan l-għarfien se jkunu strumentali sabiex ngħinu lil komunitajiet differenti fl-għażla tal-alternattivi 't-tajbin' tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, l-għarfien se jagħtina s-setgħa li noħorġu b'soluzzjonijiet u noħolqu opportunitajiet ġodda billi naqsmuhom ma' oħrajn.

**Professur Jacqueline McGlade,**
Direttur Eżekuttiv






### Għal aktar tagħrif

- Għal diskussjonijiet globali u Ewropej dwar l-ekonomija ekoloġika, ara **unep.org/greeneconomy** u **www.beyond-gdp.eu**
- Ara wkoll ir-rapport indikatur annwali l-ġdid tal-EEA. L-edizzjoni tal-2012 tiffoka fuq l-ekonomija ekoloġika.
- Għall-qafas dwar il-ħames kapitali, ara l- **'Forum for the future'**.

# It-triq lejn sostenibbiltà globali



# It-triq lejn sostenibbiltà globali

**Erba' deċennji ta' governanza ambjentali għenuna nibnu istituzzjonijiet biex nifhmu u nindirizzaw aħjar il-problemi ambjentali. Għoxrin sena wara s-Summit dwar id-Dinja tal-1992, il-mexxejja tad-dinja Itaqgħu mill-ġdid f'Rio de Janeiro biex iġeddu l-impenn globali għal ekonomija ekoloġika u għat-titjib tal-governanza globali.**

L-ewwel darba li Itaqgħet il-komunità internazzjonali kollha biex jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-ambjent tad-dinja kien fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ambjent tal-Bniedem (Stokkolma, 1972). Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), li se jkun qed jiċċelebra l-40 anniversarju tiegħu fl-2012, ġie stabbilit wara din il-konferenza, bħall-ministeri tal-ambjent f'bosta pajjiżi madwar id-dinja.

Żvilupp sostenibbli jfisser bosta affarijiet għal bosta persuni. Madankollu, definizzjoni storika mill-1987 tispjegah bħala: 'Żvilupp li jilħaq il-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma jikkomprometti l-abilità tal-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni biex jilħqu l-ħtiġijiet proprji tagħhom' (ir-rapport tal-Kummissjoni Brundtland 'Il-Futur Komuni Tagħna'). Dawn il-'ħtiġijiet' mhumiex biss interessi ekonomiċi iżda anki l-bażi ambjentali u soċjali li fuqha tissawwar il-prosperità globali.

F'Ġunju 1992, persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet minn 172 pajjiż iltaqgħu f'Rio de Janeiro għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent u l-Iżvilupp. Il-messaġġ tagħhom kien ċar: 'xejn inqas minn trasformazzjoni tal-attitudnijiet u l-imġiba tagħna mhu se jġib il-bidliet meħtieġa'. Is-Summit tal-1992 kien jirrappreżenta bidla importanti biex il-kwistjonijiet ambjentali u dawk relatati mal-iżvilupp jiddaħħlu bil-qawwa fl-arena pubblika.

Is-'Summit dwar id-Dinja' sawwar il-bażi għal diversi ftehimiet internazzjonali importanti dwar l-ambjent:

- Aġenda 21 — pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp sostenibbli
- id-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp
- id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji dwar il-Foresti
- il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima
- il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika
- il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni.

Eżattament għoxrin sena wara s-Summit storiku ta' Rio, id-dinja se tiltaqa' għal darb'oħra biex tiddiskuti u tiddeċiedi kif l-aħjar timxi 'l quddiem. Is-Summit dwar id-Dinja tal-2012 se jkun ir-raba' summit ta' dan it-tip u jirrappreżenta kisba kbira oħra fl-isforzi internazzjonali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli. L-ekonomija ekoloġika u l-governanza ambjentali globali se jkunu fuq nett tal-aġenda.

Ma hemm l-ebda triq mgħaġġla u ħafifa lejn is-sostenibbiltà. It-tranżizzjoni teħtieġ sforz kollettiv minn dawk li jfasslu l-politiki, in-negozji u ċ-ċittadini wkoll. F'ċerti mumenti, dawk li jfasslu l-politiki jridu jipprovdu inċentivi biex jippromwovu l-innovazzjoni jew l-appoġġ għal negozji li jirrispettaw l-ambjent.



**'Nirrappreżenta aktar minn nofs il-popolazzjoni dinjija. Aħna l-maġġoranza siekta. Tajtuna siġġu f'din is-sala, iżda l-interessi tagħna mhumiex fuq il-medja. X'jeħtieġ biex wieħed ikollu sehem f'din il-kwistjoni? Lil dawk li jinfluwenzaw lill-leġiżlaturi? Influwenza mill-korporazzjonijiet? Flus? Ilkom tinnegozjaw tul ħajti kollha. F'dak iż-żmien, ma rnexxilkomx twettqu l-iskopijiet, ma lħaqtux il-miri, u ma żammejtux kelmtkom.'**

**Anjali Appadurai,** student tal-College of the Atlantic, meta tkellem f'isem l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fid-9 ta' Diċembru 2011, f'Durban, l-Afrika t'Isfel

**Data ta' għeluq tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Klima**



F'każijiet oħrajn, il-konsumaturi jista' jkollhom iġarrbu spejjeż żejda marbutin mal-proċessi ta' produzzjoni aktar sostenibbli. Jista' jkollhom jitolbu prodotti li jirrispettaw aktar lill-ambjent mill-manifatturi tal-marki favoriti tagħhom jew inkella jagħżlu prodotti aktar sostenibbli. Id-ditti jridu jiżviluppaw proċessi ta' produzzjoni nodfa u jesportawhom madwar id-dinja.

## Problemi kumplessi, soluzzjonijiet kumplessi

Il-kumplessità tal-istrutturi ta' teħid ta' deċiżjonijiet globali tagħna tirrifletti l-kumplessità li nsibu fl-ambjent. Huwa diffiċli li jinstab il-bilanċ ġust bejn il-leġiżlazzjoni, l-inizjattivi tas-settur privat u l-għażliet tal-konsumaturi. Daqstant ieħor huwa diffiċli li jinstab il-'livell ġust' li jittieħed fil-mira — li jvarja bejn lokali sa globali.

Il-politika ambjentali ssir aktar effettiva jekk tiġi deċiża u implimentata fuq skali differenti, u l-'livell it-tajjeb' ivarja skont il-kwistjoni kkonċernata. Ara l-ġestjoni tal-ilma. L-ilma frisk huwa riżorsa lokali li hija suxxettibbli għal pressjonijiet globali.

Il-ġestjoni tal-ilma fil-Pajjiżi l-Baxxi, pereżempju, issir mill-awtoritajiet lokali iżda hija soġġetta għal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea. Il-ġestjoni tal-ilma fil-Pajjiżi l-Baxxi mhux biss trid tindirizza l-kwistjonijiet lokali u x'jiġri fil-pajjiżi ġirien fejn hemm l-għejun tax-xmajjar. It-tisħin globali huwa mistenni jgħolli l-livelli tal-ilma, li jfisser li l-Bords Olandiżi dwar l-Ilma jridu jibdew jippjanaw għal dan.

Ħafna mill-politiki u l-istituzzjonijiet globali eżistenti, inkluż il-UNEP, ġew stabbiliti għaliex is-soluzzjonijiet lokali jew nazzjonali naqsu milli jindirizzaw il-problemi, u l-koordinazzjoni globali jew internazzjonali kienet mistennija tikseb riżultati aħjar. L-UNEP inħoloq wara l-Konferenza ta' Stokkolma għaliex il-parteċipanti qablu li ċerti kwistjonijiet ambjentali jistgħu jiġu indirizzati aħjar fil-livell globali.

# Ħtieġa ta’ impenn imġedded

Illum, il-kummerċ globali jippermetti lil ħafna minna li ngawdu t-tadam u l-banana tul is-sena kollha, kif ukoll prodotti li jgħaqqdu flimkien komponenti minn madwar id-dinja. Din l-għaqda ġġib magħha bosta vantaġġi iżda tista’ ġġib anki riskji. It-tniġġis ikkawżat minn persuna oħra jista’ jispiċċa f’darek. Din l-għaqda tfisser li aħna ma nistgħux inwarrbu r-responsabbiltà tagħna fil-protezzjoni tal-ambjent globali.

Il-Konvenzjoni Qafas tal-UN dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) kienet waħda mill-kisbiet tas-Summit dwar id-Dinja ta’ Rio tal-1992. Għandha l-għan li tistabbilizza l-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra, li jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima. Is-suċċess ta’ diversi ftehimiet internazzjonali, bħall-UNFCCC, jiddependi mill-impenn tal-partijiet involuti. Sfortunatament, jekk numru limitat biss ta’ pajjiżi jieħdu l-impenn, aktarx li dan ma jkunx biżżejjed biex jiġi protett l-ambjent, anki jekk dawn isegwu l-prinċipji ta’ ekonomija ekoloġika bis-sħiħ.

Is-summit ta’ din is-sena joffri opportunità biex jiġġedded l-impenn globali għas-sostenibbiltà. Bħala ċittadini, konsumaturi, xjenzjati, mexxejja ta’ negozji u dawk li jfasslu l-politiki, ilkoll kemm aħna rridu nassumu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħna — kif ukoll għall-passività tagħna.




## Silta mid-Dikjarazzjoni ta’ Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp

Il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, 3-14 ta’ Ġunju 1992, Rio de Janeiro, Brażil

**Prinċipju 1**
Il-bniedem huwa fil-qalba tat-tħassib għall-iżvilupp sostenibbli. Huwa intitolat għal ħajja b’saħħitha u produttiva f’armonija man-natura.

**Prinċipju 2**
L-Istati, skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, għandhom id-dritt sovran li jisfruttaw ir-riżorsi tagħhom stess skont il-politiki ambjentali u ta’ żvilupp tagħhom, u r-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet fi ħdan il-ġurisdizzjoni jew kontroll tagħhom ma jikkawżawx ħsara għall-ambjent ta’ Stati oħrajn jew ta’ żoni lil hinn mil-limiti ta’ ġurisdizzjoni nazzjonali.

**Prinċipju 3**
Id-dritt għall-iżvilupp irid jiġi sodisfatt biex l-ekwitabbiltà tilħaq il-ħtiġijiet ta’ żvilupp u ambjentali tal-ġenerazzjonijiet attwali u dawk tal-ġejjieni.

**Prinċipju 4**
Biex jinkiseb żvilupp sostenibbli, il-protezzjoni ambjentali għandha tikkostitwixxi parti integrali mill-proċess ta’ żvilupp u ma tistax titqies iżolata minnu.

**Prinċipju 5**
L-Istati kollha u l-persuni kollha għandhom jikkooperaw fil-kompitu essenzjali li jeliminaw il-faqar bħala rekwiżit indispensabbli għall-iżvilupp sostenibbli, biex jonqsu d-diskrepanzi fl-istandard tal-għajxien u jiġu sodisfatti aħjar il-ħtiġijiet tal-parti l-kbira tal-persuni tad-dinja.

### Għal aktar tagħrif

- Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti ta’ Rio+20 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli: **www.uncsd2012.org/rio20**
- Forum tal-Partijiet Interessati dwar is-Summit dwar id-Dinja: **www.earthsummit2012.org**

# L-għajxien f'soċjetà tal-konsum



# L-għajxien f'soċjetà tal-konsum

**Deċennji ta' tkabbir relattivament kostanti fl-Ewropa biddlu l-mod ta' kif ngħixu. Nipproduċu u nikkunsmaw aktar prodotti u servizzi. Nivvjaġġaw u ngħixu aktar. Iżda l-impatti ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi tagħna ġewwa d-dar u barra pajjiżna saru akbar u aktar viżibbli. Il-leġiżlazzjoni ambjentali, meta tiġi implimentata sew, tikseb riżultati effettivi. Wara li jiġi osservat x'inbidel fl-aħħar għoxrin sena, madankollu, nistgħu ngħidu li qed nagħmlu dak kollu li nistgħu?**

Meta Carlos Sánchez twieled fl-1989, kienu jgħixu kważi 5 miljun ruħ fiż-żona metropolitana l-kbira ta' Madrid. Il-familja ta' Carlos kienet tgħix f'appartament b'żewġt ikmamar tas-sodda fiċ-ċentru tal-belt; ma kellhomx karozza, iżda kellhom sett tat-televiżjoni.

Dak iż-żmien, il-famlija ta' Carlos ma kinitx l-unika familja Spanjola li ma kellhiex karozza. Fl-1992, sitt snin wara li daħlet fl-Unjoni Ewropea, Spanja kellha 332 karozza privata għal kull 1 000 abitant. Fl-2009, kważi żewġ deċennji aktar tard, 480 minn kull 1 000 persuna Spanjola kellha karozza, ftit ogħla l-medja tal-Unjoni Ewropea.

Meta Carlos kellu ħames snin, il-familja Sánchez xtrat l-appartament ta' ħdejha u għaqqdithom flimkien. Meta kellu tmien snin, xtraw l-ewwel karozza tagħhom iżda kienet 'second hand'.

## Soċjetajiet li jixjieħu

Mhux il-mezzi ta' trasport tagħna biss inbidlu. Is-soċjetajiet tagħna nbidlu wkoll. Ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, in-numru ta' tfal imwielda għal kull mara ma nbidilx b'mod sinifikanti fil-pajjiżi tal-UE skont id-dejta tal-aħħar 20 sena. Fl-1992, in-nisa Spanjoli kellhom medja ta' 1.32 tifel/tifla u fl-2010 l-figura telgħet ftit, għal 1.39 — ferm inqas mil-livell ta' sostituzzjoni ġeneralment aċċettat ta' 2.1 tifel/tifla għal kull mara. Fl-2009, ir-rata ta' fertilità totali fl-UE-27 kienet ta' madwar 1.5.

Madankollu, il-popolazzjoni tal-UE qed tikber, l-aktar minħabba l-immigrazzjoni. Ngħixu aktar u aħjar ukoll. Fl-2006, l-istennija tal-għomor fit-twelid kienet ta' 76 sena għall-irġiel u 82 sena għan-nisa. Fi tmiem Ottubru 2011, il-popolazzjoni tad-dinja laħqet is-7 biljun ruħ. Minkejja tnaqqis fir-rati ta' fertilità fl-aħħar żewġ deċennji, il-popolazzjoni tad-dinja hija mistennija tkompli tikber sakemm tistabbilizza għal madwar 10 biljuni fl-2100.

Hemm ukoll xejra ta' żieda fir-rati ta' urbanizzazzjoni. Aktar minn nofs il-popolazzjoni globali issa tgħix fiż-żoni urbani. Fl-UE, madwar tliet kwarti jgħixu f'żoni urbani. L-effetti huma viżibbli anki f'bosta bliet Ewropej, inkluża Madrid. Fl-2011, il-popolazzjoni fl-akbar żona ta' Madrid laħqet is-6.3 miljuni.





**‘Inkabbru l-ikel tagħna f’fertilizzanti u pestiċidi petrokimiċi. Ħafna mill-materjali ta’ kostruzzjoni tagħna — konkos, plastiks u l-bqija — huma magħmula minn fjuwils fossili, bħalma huma wkoll ħafna mill-prodotti farmaċewtiċi tagħna. Ħwejjiġna, fil-parti l-kbira tagħhom, huma magħmula minn fibri sintetiċi fotokimiċi. It-trasport, l-enerġija, it-tisħin, u d-dawl tagħna kollha jiddependu minn fjuwils fossili wkoll. Bnejna ċivilità sħiħa fuq it-tħaffir għad-depożiti ta’ karbonju tal-Perjodu Karboniferu.**

**… il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni li jgħixu ħamsin elf sena mil-lum… aktarx li se jikkaratterizzawna bħala n-nies tal-fjuwils fossili u dan il-perjodu bħala l-Era tal-Karbonju, hekk kif aħna rreferejna għall-perjodi tal-imgħoddi bħala Żmien il-Bronż u Żmien il-Ħadid.’**

**Jeremy Rifkin,** President tal-Fondazzjoni dwar ix-Xejriet Ekonomiċi u konsulent għall-Unjoni Ewropea. Silta mill-ktieb tiegħu ‘The Third Industrial Revolution’ (‘It-Tielet Rivoluzzjoni Industrijali’).



## Tkabbir kullimkien

F’dawn l-aħħar deċennji, Spanja, bħal bosta pajjiżi Ewropej oħrajn, esperjenzat tkabbir ekonomiku kostanti, dħul akbar u, sa ftit ilu, dik li kienet dehret bħala soluzzjoni vera għall-problemi tal-qgħad ta’ Spanja. L-‘isplużjoni’ ekonomika ġiet aċċelerata minn self disponibbli minnufih — pubbliku u privat — abbundanza ta’ materja prima u influss ta’ immigranti mill-Amerika Ċentrali u t’Isfel u mill-Afrika.

Meta twieled Carlos, minbarra ftit netwerks tal-IT imqabbda bejniethom, l-Internet (hekk kif nafuh illum) ma kienx jeżisti. Il-mowbajls kienu rari, tqal biex iġġorrhom miegħek u mhux affordabbli għal ħafna min-nies. Ħadd ma kien sema’ bil-komunitajiet online jew in-netwerks soċjali. Għal ħafna komunitajiet madwar il-pjaneta, ‘teknoloġija’ kienet tfisser forniment affidabbli ta’ elettriku. It-telefon kien jiswa l-flus u mhux dejjem kien aċċessibbli. Il-vaganzi barra l-pajjiż kienu biss għal dawk il-ftit privileġġati.

Minkejja diversi fażijiet ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-aħħar 20 sena, l-ekonomija tal-Unjoni Ewropea kibret b’40%, b’medji ftit ogħla fil-pajjiżi li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-2004 u l-2007. Il-bini marbut mat-turiżmu kien xprun partikolarment importanti fil-każ ta’ Spanja. F’pajjiżi Ewropej oħrajn, it-tkabbir ekonomiku ġie xprunat anki minn setturi bħal dawk tas-servizzi u tal-manifattura.

Illum, Carlos jgħix mal-ġenituri tiegħu fl-istess indirizz. Kollha għandhom karozza u mowbajl tagħhom. L-istil tal-ħajja tal-familja Sanchez mhuwiex xi eċċezzjoni meta mqabbel mal-istandards Ewropej.

## Impronta globali akbar

L-impatt tal-Ewropa fuq l-ambjent kiber b’mod parallel mat-tkabbir ekonomiku kemm fl-Ewropea kif ukoll madwar id-dinja. Il-kummerċ kien strumentali fit-trawwim tal-prosperità kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll fil-firxa tal-impatti ambjentali tal-attivitajiet tagħna.

Fl-2008, f’termini ta’ piż, l-Unjoni Ewropea importat sitt darbiet aktar materjali milli esportat. Id-differenza hija kważi kompletament dovuta għal-livell għoli ta’ importazzjoniet ta’ fjuwil u prodotti tal-minjieri.

## Politika taħdem, jekk tiġi mfassla u implimentata sew

Rikonoxximent globali akbar tal-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali beda ferm qabel is-Summit dwar id-Dinja ta' Rio tal-1992. Il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE tmur lura għal kmieni fis-snin sebgħin u l-esperjenza minn dak iż-żmien uriet li, meta tiġi implimentata b'mod effettiv, il-leġiżlazzjoni ambjentali tagħti riżultati tajbin.

Pereżempju, id-Direttiva tal-UE dwar l-Għasafar (1979) u d-Direttiva dwar il-Ħabitats (1992) jipprovdu qafas legali għaż-żoni protetti tal-Ewropa. L-Unjoni Ewropea issa ddikjarat aktar minn 17% taż-żona tal-art tagħha u aktar minn 160 000 $km^2$ lil hinn mill-kosta bħala parti min-netwerk ta' protezzjoni tan-natura tagħha, 'Natura 2000'. Għad li bosta speċijiet u ħabitats Ewropej għadhom mhedda, Natura 2000 hija pass vitali fid-direzzjoni t-tajba.

Anki politiki ambjentali oħrajn ħallew impatt pożittiv fuq l-ambjent Ewropew. B'mod ġenerali, il-kwalità tal-arja ambjentali tjiebet b'mod sinifikanti fl-aħħar żewġ deċennji. Iżda t-tniġġis tal-arja fuq distanza twila u xi sustanzi li jniġġsu l-arja lokali għadhom jaffettwaw saħħitna. Il-kwalità tal-ilmijiet Ewropej tjiebet ukoll b'mod sostanzjali grazzi għal-leġiżlazzjoni Ewropea, iżda ħafna mis-sustanzi niġġiesa meħlusa fl-arja, fl-ilma u l-art ma jgħibux malajr, anzi jakkumulaw.

L-Unjoni Ewropea bdiet ukoll tkisser ir-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra. Madankollu, l-emissjonijiet globali jibqgħu jiżdiedu, u qed jikkontribwixxu għal konċentrazzjoni ta' diossidu tal-karbonju fl-atmosfera u fl-oċeani.

Hemm xejra simili fl-użu materjali. L-ekonomija Ewropea tipproduċi aktar b'inqas użu ta' riżorsi. Iżda xorta għadna nużaw ferm aktar riżorsi minn dak li l-art u l-ibħra Ewropej jistgħu jipprovdulna. L-UE għadha tiġġenera ammonti kbar ta' skart iżda minnu qed tirriċikla u terġa' tuża sehem li dejjem qed jikber.

Sfortunatament, meta nippruvaw nindirizzaw problema ambjentali waħda, nirrealizzaw li l-kwistjonijiet ambjentali ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod iżolat u individwali. Iridu jiġu integrati f'politiki ekonomiċi, ippjanar urban, politiki tas-sajd u tal-biedja, u l-bqija.

Pereżempju l-estrazzjoni tal-ilma taffettwa l-kwalità u l-kwantità tal-ilma fis-sors u lil hinn minnu. Meta l-kwantità ta' ilma fis-sors tkompli tonqos minħabba estrazzjoni ogħla, is-sustanzi niġġiesa meħlusa fl-ilma jkunu dilwiti inqas u jkollhom impatt negattiv akbar fuq l-ispeċijiet li jiddependu fuq dak l-ilma. Biex inkunu nistgħu nfasslu u niksbu titjib sinifikanti fil-kwalità tal-ilma, irridu nindirizzaw ukoll qabelxejn għalfejn l-ilma qed ikun estratt.





## Bidla f'passi żgħar

Minkejja d-diskrepanzi fl-għarfien tagħna, ix-xejriet ambjentali li qed naraw illum jitolbu azzjoni deċiżiva u immedjata li tinvolvi lil dawk li jfasslu l-politiki, lin-negozjanti u liċ-ċittadini. F'xenarju taż-żamma tal-istatus quo, id-deforestazzjoni globali se tkompli b'rati kritiċi u t-temperaturi globali medji jistgħu jiżdiedu sa 6.4 °C sa tmiem is-seklu. Jekk il-livell tal-baħar se jogħla, se jqiegħed f'riskju waħda mill-aktar riżorsi ta' valur li għandha — l-art — fil-gżejjer baxxi u f'żoni kostali.

lNegozjati internazzjonali spiss jieħdu s-snin biex jiġu konklużi u implimentati. Leġiżlazzjoni nazzjonali mfassla tajjeb taħdem meta tiġi implimentata bis-sħiħ iżda hija limitata minn restrizzjonijiet ġeopolitiċi. Diversi kwistjonijiet ambjentali mhumiex ristretti fi ħdan il-konfini nazzjonali. Finalment, jista' jkun li lkoll kemm aħna nħossu l-impatti tad-deforestazzjoni, tat-tniġġis tal-arja jew tar-rimi fil-baħar.

Ix-xejriet u l-attitudnijiet jistgħu jinbidlu — pass wara pass. Għandha fehim tajjeb ta' fejn konna 20 sena ilu u fejn aħna llum. Veru li ma għandniex soluzzjoni mirakoluża waħda li se ssolvi l-problemi ambjentali kollha tagħna f'daqqa, iżda għandha idea, anzi, pakkett ta' ideat, għodod u politiki biex jgħinuna nittrasformaw l-ekonomija tagħna f'waħda ekoloġika. L-opportunità li nibnu ġejjieni sostenibbli fl-20 sena li jmiss qiegħda hemm u aħna rridu nisfruttawha.

## Nisfruttaw l-opportunità

Kemm nisfruttaw l-opportunità li għandha quddiemna jiddependi mill-għarfien komuni tagħna. Nistgħu noħolqu momentum biżżejjed biex nittrasformaw il-mod kif ngħixu biss billi nifhmu x'qegħdin nirriskjaw. L-għarfien qed jiżdied iżda mhux dejjem huwa biżżejjed. L-insigurtà ekonomika, il-biża' mill-qgħad u t-tħassib dwar is-saħħa jidhru li jiddominaw il-ħsibijiet tagħna ta' kuljum. U dan mhuwiex differenti għal Carlos jew għal sħabu, speċjalment minħabba it-taqlib ekonomiku fl-Ewropa.

Bejn it-tħassib dwar l-istudji tal-bijoloġija u l-prospetti tal-karriera tiegħu, Carlos mhuwiex ċert dwar kemm il-ġenerazzjoni tiegħu hija konxja mill-problemi ambjentali fl-Ewropa u fid-dinja. Madankollu, bħala resident urban huwa jirrikonoxxi li l-ġenerazzjoni tal-ġenituri tiegħu kellhom rabta aktar mill-qrib man-natura għaliex, f'ħafna mill-familji, tal-inqas wieħed mill-ġenituri trabba fil-kampanja. Anki wara li marru jgħixu fil-belt għax-xogħol, żammew relazzjoni aktar mill-qrib man-natura.

Carlos jaf qatt ma jkollu rabta simili man-natura iżda huwa ħerqan sewwa biex tal-inqas jagħmel xi ħaġa — imur l-università bir-rota. Saħansitra kkonvinċa lil missieru biex imur ix-xogħol bir-rota.

Il-fatt huwa li l-insigurtà ekonomika, is-saħħa, il-kwalità tal-ħajja u anki l-indirizzar tal-qgħad kollha kemm huma jiddependu fuq l-iżgurar ta' pjaneta b'saħħitha. Tnaqqis rapidu tar-riżorsi naturali tagħna u l-qerda tal-ekosistemi li tant jipprovdulna benefiċċji, ftit li xejn se jipprovdu ġejjieni sigur u f'saħħtu għal Carlos jew il-ġenerazzjoni tiegħu. Ekonomija ekoloġika b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għadha l-aqwa u l-aktar għażla vijabbli biex tiġi żgurata prosperità ekonomika u soċjali fit-tul.



### Għal aktar tagħrif

- EEA — SOER 2010 **Assessment of global megatrends** (Valutazzjoni tal-Megaxejriet Globali tal-2010 ta' SOER).
- UNEP — Keeping track of our changing environment: **From Rio to Rio+20** (Nissorveljaw l-ambjent tagħna li qed jinbidel: Minn Rio sa Rio+20)

# Minn minjiera għal skart, u lil hinn



# Minn minjiera għal skart, u lil hinn

**Kważi kulma nikkonsmaw u nipproduċu jħalli impatt fuq l-ambjent tagħna. Meta niffaċċjaw għażliet ta' kuljum biex nixtru ċerti prodotti jew servizzi, rari naħsbu dwar l-'impronta' li dawn iħallu fuq l-ambjent. Il-prezzijiet fuq l-ixkaffa tagħhom ftit li xejn jirriflettu l-ispejjeż veri tagħhom. Iżda hemm ħafna affarijiet li nistgħu nagħmlu biex il-konsum u l-produzzjoni tagħna jsiru aktar ekoloġiċi.**

F'Mejju 2011, l-Apple Store fil-Fifth Avenue fi New York kien ippakkjat b'folol ġejjin minn madwar id-dinja biex jixtru l-aħħar mudell ta' iPad2 ta' Apple. Kulma ġie kkonsenjat dakinhar inbiegħ f'temp ta' sigħat. Il-ħanut tal-Fifth Avenue kien wieħed minn dawk b'xortih tajba. Ħafna mill-ħwienet ta' Apple madwar id-dinja setgħu biss jieħdu l-ordnijiet u jikkonsenjawhom ġimgħat wara.

Id-dewmien ma kienx ikkawżat minn ippjanar difettuż tad-direzzjoni tan-negozju, jew minn kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni ta' suċċess mhux previst. Kien ikkaġunat minn serje ta' diżastri fuq in-naħa l-oħra tal-pjaneta. Ħamsa mill-komponenti ewlenin tal-iPad2 kienu manifatturati fil-Ġappun fi żmien it-terremot tal-11 ta' Marzu 2011. Il-produzzjoni ta' wħud minn dawn il-komponenti setgħet faċilment tkun trasferita lejn il-Korea t'Isfel jew l-Istati Uniti, iżda mhux hekk il-kumpass diġitali. Wieħed mill-manifatturi ewlenin tiegħu kien jinsab 20 km 'l bogħod mir-reatturi ta' Fukushima u kellu jagħlaq l-impjant tiegħu.

## Flussi ta' riżorsi biex ifornu lil-linji ta' produzzjoni

Fid-dinja interkonnessa tagħna, il-vjaġġ ta' diversi apparati elettroniċi jibda f'xi minjiera, x'aktarx f'pajjiż li qed jiżviluppa, u jkompli f'ċentru ta' żvilupp ta' prodott, spiss f'pajjiż żviluppat. Illum, il-produzzjoni ta' laptops, mowbajls, karozzi, kameras diġitali jeħtieġu elementi rari tad-dinja, bħal neodimju, lantanju u ċerju. Għad li ħafna pajjiżi għandhom riżervi mhux sfruttati, l-estrazzjoni tiswa l-flus, u f'ċerti każijiet hija tossika u radjuattiva.

Wara l-estrazzjoni, ir-riżorsi materjali jkunu ġeneralment ittrasportati lejn post ta' pproċessar u mibdula f'diversi komponenti ta' prodotti, li mbagħad jintbagħtu lil postijiet oħrajn għall-immuntar. Sakemm nixtru l-apparat tagħna, id-diversi komponenti tiegħu diġà jkunu daru d-dinja, u fi kwalunkwe stadju tal-vjaġġ tagħhom, ikunu ħallew l-impronta tagħhom fuq l-ambjent.

L-istess jiġri fil-każ tal-ikel fuq l-imwejjed tagħna, l-għamara fis-salott tagħna u l-fjuwil fil-karozzi tagħna. Ħafna mill-materjali u r-riżorsi jiġu estratti, ipproċessati fi prodott konsumabbli jew servizz, u ttrasportati fid-djar fil-biċċa l-kbira urbani tagħna. Pereżempju, il-forniment ta' ilma frisk fid-djar Ewropej ma jfissirx biss estrazzjoni tal-kwantità użata minn sors ta' ilma. Biex l-ilma jitlesta għall-konsum, neħtieġu infrastruttura u enerġija biex nittrasportawh, naħżnuh, nittrattawh u nsaħħnuh. Ladarba 'jintuża', inkunu għadna neħtieġu aktar infrastruttura u enerġija biex narmuh.



**Biex nagħmlu tazza kafè standard fil-Pajjiżi l-Baxxi, neħtieġu madwar 140 litru ta' ilma. L-akbar parti assoluta hija meħtieġa biex titkabbar il-pjanta tal-kafè. Saħansitra aktar impressjonanti huwa l-fatt li biex tiġi prodotta kilogramma waħda ta' ċanga, neħtieġu medja ta' 15 400 litru ilma.**

Sors: **Water Footprint Network**

## Kulħadd jikkonsma

Għall-ewwel, uħud mill-impatti ambjentali li jħallu warajhom il-livelli u x-xejriet ta' konsum tagħna ma jinħassux. Il-ġenerazzjoni tal-elettriku biex niċċarġjaw il-mowbajls u niffriżaw l-ikel tagħna terħi emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju fl-atmosfera, li jikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima. It-trasport u l-faċilitajiet industrijali jerħu sustanzi li jniġġsu l-arja bħal ossidi tal-kubrit u ossidi tan-nitroġenu, li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem.

Il-miljuni ta' persuni li jmorru lejn in-Nofsinhar fis-sajf joħolqu iktar pressjonijiet fuq id-destinazzjonijiet tal-vaganza tagħhom. Minbarra l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mill-vjaġġ tagħhom, il-ħtieġa tagħhom għal akkomodazzjoni żżid id-domanda għal riżorsi materjali u enerġija mis-settur tal-kostruzzjoni. Iż-żieda staġjonali fil-popolazzjoni lokali titlob estrazzjoni tal-ilma żejda għal skopijiet ta' sanità u kumdità matul ix-xhur nixfin tas-sajf. Dan ifisser ukoll li jrid jiġi ttrattat aktar drenaġġ, jiġi ttrasportat aktar ikel lejn dawn iż-żoni u jiġu ġestiti volumi akbar ta' skart.

Minkejja l-inċertezza dwar sa fejn jaslu eżattament l-impatti ambjentali tagħna, huwa ċar li l-livelli u x-xejriet attwali ta' estrazzjoni ta' riżorsi ma jistgħux ikomplu. Fi kliem sempliċi, għandha kwantitajiet limitati ta' riżorsi vitali, bħal raba' u ilma. Dak li spiss jibda bħala problema lokali — skarsezza ta' ilma, tneħħija ta' siġar fil-foresti għall-bur, jew emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa minn faċilità industrijali — faċilment jistgħu jsiru problema globali u sistemika, li taffettwana lkoll.

Indikatur wieħed ta' konsum ta' riżorsi hija l-impronta ekoloġika, żviluppata mill-Global Footprint Network. Dan jikkalkola li l-konsum tal-pajjiżi f'termini ta' użu ta' art madwar id-dinja, inkluż l-użu tal-art indirett għall-produzzjoni ta' prodotti u l-assorbiment ta' emissjonijiet ta' $CO_2$. Skont din il-metodoloġija, fl-2007 kull bniedem kien iħalli impronta korrispondenti għal 2.7 ettari globali.

Dan jaqbeż sew il-1.8 ettari globali disponibbli għal kull wieħed minna biex insostnu l-konsum tagħna mingħajr ma nipperikolaw il-kapaċità produttiva tal-ambjent (Global Footprint Network, 2012). F'pajjiżi li qed jiżviluppaw, id-differenza kienet aktar sorprendenti. Il-pajjiżi tal-EEA kkonsmaw 4.8 ettari globali għal kull resident minkejja 'bijokapaċità' disponibbli ta' 2.1 ettari globali għal kull persuna (Global Footprint Network, 2011).



## Iżda l-konsum ifisser impjiegi wkoll

Il-kilba u l-ħtieġa tagħna li nikkonsmaw riżorsi naturali tippreżenta biss naħa waħda tal-kwistjoni. Il-bini ta' djar ta' villeġġjatura fi Spanja, it-tkabbir tat-tadam fil-Pajjiżi l-Baxxi, is-safar fit-Tajlandja jfissru wkoll impjiegi, dħul u finalment, sostenn u kwalità ta' ħajja aħjar għall-bennejja, il-bdiewa u l-aġenti tal-ivjaġġar. Għal bosta persuni madwar id-dinja, dħul ogħla jfisser il-possibblità li jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi. Iżda mhuwiex faċli li jiġi definit x'jikkostitwixxi 'ħtieġa' u dan ivarja b'mod konsiderevoli skont il-perċezzjonijiet kulturali u l-livelli ta' dħul.

Għal dawk li jaħdmu f'minjieri ta' elementi rari tad-dinja fil-Mongolja ta' ġewwa, fiċ-Ċina, l-estrazzjoni mill-minjieri tfisser sigurtà alimentari għall-familji tagħhom u edukazzjoni għat-tfal tagħhom. Għall-ħaddiema tal-fabbriki fil-Ġappun, din tista' tfisser mhux biss ikel u edukazzjoni, iżda anki ftit ġimgħat ta' vaganza fl-Ewropa. Għal uħud fost il-folol li jimlew il-ħanut ta' Apple, il-prodott finali jista' jikkostitwixxi għodda professjonali ta' bilfors, u għal oħrajn strument ta' divertiment. Il-ħtieġa għal divertiment ukoll hija ħtieġa tal-bniedem. L-impatt tiegħu fuq l-ambjent jiddependi minn kif aħna nilħqu dik il-ħtieġa.

## Għal ġoż-żibel

Il-vjaġġ tal-apparati elettroniċi, tal-ikel u tal-ilma tal-vit ma jintemmx f'darna. Aħna nżommu s-sett tat-televiżjoni jew il-kamera sakemm ma jibqgħux moda jew kompatibbli mad-DVD player tagħna. F'ċerti pajjiżi tal-UE, madwar terz tal-ikel mixtri jintrema. Mela x'ingħidu għall-ikel mormi saħansitra qabel nixtruh? Kull sena, fis-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea, jintremew 2.7 biljun tunnellata ta' skart.

Iżda fejn imur dan iż-żibel kollu? It-tweġiba qasira hija 'fejn ma narawhx'. Ftit minnu huwa nnegozjat — legalment u illegament — fis-swieq globali. It-tweġiba t-twila hija ferm aktar ikkomplikata. Jiddependi fuq x''jintrema' u 'fejn'. Aktar minn terz tal-piż tal-iskart iġġenerat fit-32 pajjiż tal-EEA jikkonsisti fi skart tal-bini u demolizzjoni, marbut mill-qrib mal-'isplużjonijiet' ekonomiċi. Kwart ieħor huwa l-iskart tal-minjieri u tat-tħaffir f'barrieri. Għad li finalment l-iskart kollu huwa xprunat minn konsum tal-bniedem, huwa biss inqas minn għaxra fil-mija tal-piż tal-iskart totali li ġej mid-djar.

L-għarfien tagħna dwar l-iskart huwa nieqes daqskemm hija d-dejta dwar il-konsum tagħna, iżda huwa ċar li għad baqgħalna ħafna x'nagħmlu fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart. Bħala medja, kull ċittadin tal-UE juża 16-17-il tunnellata ta' materjali fis-sena u ħafna minn dan l-ammont, illum jew għada, isir skart. Dan l-ammont jitla' għal madwar 40- 50 tunnellata għal kull persuna jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni l-estrazzjoni mhux użata (eż. t-tħaffir żejjed fil-minjieri) u rucksacks ekoloġiċi (il-kwantità totali tal-materjal naturali li hija mfixkla f'ekosistema naturali) tal-importazzjonijiet.

Il-leġiżlazzjoni, bħad-direttivi tal-UE dwar il-miżbliet, il-vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-batteriji, l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ, għenet lill-Unjoni Ewropea biex talloka sehem kbir tal-iskart muniċipali tagħha mill-miżbliet għal faċilitajiet ta' inċenerazzjoni u riċiklaġġ. Fl-2008, ġie rkuprat 46 % tal-iskart solidu fl-UE. Il-bqija ntbagħat għal inċenerazzjoni (5 %) jew miżbla (49 %).

## Tiftix għal tip ġdid ta' minjiera tad-deheb

It-tagħmir elettroniku għad-djar, il-kompjuters, l-apparat tad-dawl u t-telefons, kollha fihom sustanzi perikolużi li huma ta' theddida għall-ambjent, iżda jinkludu wkoll metalli ta' valur. Fl-2005, it-tagħmir elettriku u elettroniku fis-suq ġie stmat li fih 450 000 tunnellata ram u seba' tunnellati deheb. Fil-Borża tal-Metalli ta' Londra, dawn il-metalli jkunu jiswew bejn wieħed u ieħor EUR 2.8 biljun u EUR 328 miljun, rispettivament, fi Frar 2011. Minkejja varjazzjonijiet sinifikanti bejn il-pajjiżi Ewropej, hija biss parti żgħira minn dan it-tagħmir elettroniku li bħalissa tinġabar u tintuża mill-ġdid u tiġi rriċiklata meta tintrema.

Anki l-metalli prezzjużi 'mormija bħala skart' għandhom dimensjoni globali. Minn Hamburg, il-Ġermanja tesporta madwar 100 000 karozza użata kull sena barra l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari lejn l-Afrika u l-Lvant Nofsani. Fl-2005, dawn il-karozzi kien fihom madwar 6.25 tunellati ta' metalli tal-grupp tal-platinu. Għall-kuntrarju tal-UE, ħafna mill-pajjiżi li jimportawhom huma nieqsa mir-regolamenti u l-kapaċità meħtieġa biex iżarmaw u jirriċiklaw dawn il-karozzi użati.






Imqiegħed fis-suq
Total miġbur
Użat mill-ġdid u riċiklat
Miġbur minn djar privati

Mira ta' ġbir minn djar privati: 4 kg per capita fis-sena

Sors: **Ikkompilata minn dejta bbażata minn ETC/SCP miċ-ċentru tad-dejta tal-Eurostat dwar l-iskart.**

**Skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) imqiegħed fis-suq, miġbur u rriċiklat/irkuprat/użat mill-ġdid fit-28 pajjiż Ewropew (kg/persuna, dejta tal-2008)**

L-Unjoni Ewropea għandha leġiżlazzjoni speċifika li tindirizza l-WEEE. Din id-direttiva tipprovdi għall-ħolqien ta' skemi ta' ġbir fejn il-konsumaturi jirritornaw l-iskart elettroniku tagħhom mingħajr ħlas. L-għan ta' dawn l-iskemi huwa li jiżdied ir-riċiklaġġ u/jew l-użu mill-ġdid. Silta li tkompli mal-leġiżlazzjoni dwar ir-restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi teħtieġ ukoll li metalli tqal bħal ċomb, merkurju, kadmju u hexavalent chromium, u reżistenti għal fjammi bħal bifenili polibromurati (PBB) jew etere tad-difenil polibromurat (PBDE) fit-tagħmir elettriku għandhom jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar sikuri.

Dan jirrappreżenta telf ekonomiku u jwassal għal estrazzjoni addizzjonali, xi ħaġa li tikkawża danni evitabbli lill-ambjent, spiss barra l-UE.

Ġestjoni aħjar tal-iskart muniċipali toffri benefiċċji sinifikanti — billi tibdel l-iskart tagħna f'riżorsi ta' valur, filwaqt li tiġi evitata ħsara lill-ambjent, inklużi emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, u tnaqqis tad-domanda għal riżorsi ġodda.

Nieħdu l-eżempju tal-karti. Fl-2006, ġew irriċiklati qrib is-70 % tal-karti minn skart solidu muniċipali, ekwivalenti għal kwart mill-konsum totali tal-prodotti tal-karti. Żieda fir-rata ta' riċiklaġġ għal 90% tkun tippermettielna nissodisfaw aktar minn terz tad-domanda għal karti permezz ta' materjal riċiklat. Dan ikun qed inaqqas it-talba għal riżorsi ġodda u jwassal għal inqas ħela ta' karti mibgħuta f'miżbla jew għall-ħruq, u inqas emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra.

## U minn hawn fejn nistgħu naslu?

Mhumiex il-konsum jew il-produzzjoni minnhom infushom li jagħmlu ħsara lill-ambjent. Huma l-impatti ambjentali ta' 'x'nikkunsmaw', fejn u kemm, u 'kif nipproduċu'. Mil-livelli lokali sa globali, dawk li jfasslu l-politiki, in-negozji u s-soċjetà ċivili kollha kemm huma jridu jieħdu sehem biex l-ekonomija tibda tirrispetta aktar l-ambjent.

L-innovazzjoni teknoloġika toffri bosta soluzzjonijiet. L-użu ta' enerġija nadifa u trasport nadif għandu impatt iżgħar fuq l-ambjent u jista' jilħaq uħud minn ħtiġijietna, jekk mhux kollha kemm huma. Iżda t-teknoloġija mhijiex biżżejjed.

Is-soluzzjoni tagħna ma tistax tikkonċerna biss ir-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid ta' materjali biex inkunu nistgħu nħaffru għal ammonti iżgħar ta' riżorsi. Ma nistgħux nevitaw milli nikkonsmaw ir-riżorsi, iżda li nistgħu nagħmlu huwa li nikkonsmaw bil-għaqal. Nistgħu nirrikorru għal alternattivi aktar nodfa u nagħmlu l-proċessi ta' produzzjoni tagħna aktar ekoloġiċi u nitgħallmu nittrasformaw l-iskart f'riżorsa.

Politiki aħjar, infrastruttura aħjar u inċentivi addizzjonali ċertament li huma meħtieġa iżda dawn jistgħu iwittulna biss parti mit-triq. L-aħħar fażi tal-vjaġġ tiddependi mill-għażliet tal-konsum. Ikunu xi jkunu l-isfond u l-età tagħna, id-deċiżjonijiet tagħna ta' kuljum biex nixtru ċerti prodotti u servizzi għandhom impatt fuq x'jiġi prodott u kemm. Bl-istess mod, il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jinfluwenzaw x'jitqiegħed fuq l-ixkafef u jistgħu jagħtu spinta 'l quddiem lit-talba għal alternattivi sostenibbli fil-katina ta' provvista.

Aktarx li ftit tal-ħsieb quddiem l-ixkafef tas-supermarket jew il-barmil taż-żibel ikun bidu tajjeb għat-tranżizzjoni personali għall-għajxien sostenibbli. *Nista' nuża l-ikel li fadal mill-bieraħ minflok narmih? Nista' nissellef din il-magna minflok ma nixtriha? Fejn nista' nirriċikla l-mowbajl l-antik?...*




### Għal aktar informazzjoni

- EEA — Valutazzjonijiet Tematiċi tal-2010 tas-SOER: **http://www.eea.europa.eu/soer/europe**



# Ħela ta' ikel

**Madwar terz tal-ikel prodott madwar id-dinja jintilef jew jinħela. Meta aktar minn biljun ruħ fid-dinja jmorru jorqdu bil-ġuħ, huwa impossibbli li wieħed ma jistaqsix x'jista' jsir. Iżda l-ħela tal-ikel mhijiex biss opportunità mitlufa biex jintemgħu dawk bil-ġuħ. Tirrappreżenta anki telf sostanzjali ta' riżorsi oħra bħall-art, l-ilma, l-enerġija — u x-xogħol.**

Sinjuri jew fqar, żgħar jew kbar, ilkoll kemm aħna għandha bżonn l-ikel. L-ikel jirrappreżenta ħafna aktar minn sempliċi sors ta' nutriment u varjetà għanja ta' togħmiet f'ħalqna. Aktar minn 4 biljun ruħ jiddependu fuq tliet għelejjel komunissimi — ross, qamħirrun u qamħ. Dawn it-tliet għelejjel komunissimi jipprovdu żewġ terzi mill-konsum enerġetiku tagħna. Peress li hemm aktar minn 50 000 speċi ta' pjanti li jittieklu, il-menù ta' kuljum veru tagħna jidher ferm nieqes bi ftit mijiet ta' speċijiet biss li jikkontribwixxu għall-provvista tal-ikel.

B'biljuni li jiddependu fuq ftit għelejjel komunissimi, iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel mill-2006 sal-2008 inħasset madwar id-dinja. Għad li l-pajjiżi żviluppati ġeneralment irnexxielhom jitimgħu l-popolazzjonijiet tagħhom, partijiet mill-Afrika kellhom jissieltu mal-ġuħ. Dan ma seħħx biss għaliex is-suq falla.

It-tibdil fil-klima jżid mal-pressjonijiet fuq is-sigurtà alimentari u ċerti reġjuni jħossu l-pressjoni aktar minn oħrajn. Nixfiet, nirien jew għargħar ixekklu b'mod dirett il-kapaċità produttiva. Sfortunatament, it-tibdil fil-klima spiss jaffettwa lil pajjiżi li huma l-aktar vulnerabbli u l-inqas probabbli li jkollhom il-mezzi biex jadattaw irwieħhom. Iżda f'ċertu sens, l-ikel huwa anki sempliċiment 'prodott' ieħor. Il-produzzjoni tiegħu teħtieġ riżorsi bħall-art u l-ilma. L-istess bħal prodotti oħrajn fis-suq, jiġi kkonsmat jew użat, u jista' jinħela. Ammont sostanzjali ta' ikel jinħela, b'mod partikolari f'pajjiżi żviluppati, u dan ifisser anki ħela tar-riżorsi użati fil-produzzjoni ta' dak l-ikel.

Is-settur tal-ikel u l-ħela ta' ikel huma fost l-oqsma ewlenin li l-Kummissjoni Ewropea xeħtet dawl fuqhom fil-'Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi' ta' Settembru 2011. Għad li huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li qed naħlu xi ikel li qed nipproduċu, huwa kemxejn diffiċli li tinħareġ stima preċiża. Il-Kummissjoni Ewropea tikkalkola li fl-UE biss, 90 miljun tunnellata ta' ikel, jew 180 kg għal kull persuna, jinħela kull sena. Ħafna minn dan l-ikel ikun għadu tajjeb għal konsum mill-bniedem.

## Mhux biss fuq l-ikel

L-impatti ambjentali tal-ħela ta' ikel mhumiex limitati għall-użu tal-art u l-ilma. Skont il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea, il-katina tal-valur tal-ikel u x-xorb fl-UE tikkawża 17% tal-emissjonijiet diretti ta' gass b'effett ta' serra u 28 % tal-użu tar-riżorsi materjali tagħna.

Tristram Stuart, awtur u wieħed mill-organizzaturi ewlenin ta' 'Feeding the 5k' (inizjattiva ta' tmigħ ta' 5 000 persuna fi Trafalgar Square f'Londra), jirrikonoxxi li ħafna mill-pajjiżi sinjuri jaħlu bejn terz u nofs l-ikel kollu tagħhom.

'Mhijiex biss problema tad-dinja sinjura. Xi kultant il-pajjiżi li qed jiżviluppaw isofru minn livelli ta' ħela ta' ikel kważi daqs dawk tal-pajjiżi sinjuri, iżda għal raġunijiet ferm differenti. In-nuqqas ta' infrastruttura agrikola, bħat-teknoloġija ta' wara l-ħsad, hija dik bl-akbar nuqqasijiet. Tista' tgħid li tinħela tal-inqas terz mill-provvista tal-ikel kollu tad-dinja', jgħid Tristram.

Il-ħela tal-ikel isseħħ f'kull stadju tal-produzzjoni u l-katina ta' provvista kif ukoll fl-istadju tal-konsum. U jista' jkun hemm bosta raġunijiet għal dan. Parti mill-ħela tal-ikel hija kkawżata mil-leġiżlazzjoni, spiss implimentata biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem. Parti oħra tista' tkun marbuta mal-preferenzi u d-drawwiet tal-konsumaturi. L-istadji u r-raġunijiet differenti kollha jridu jiġu analizzati u ttrattati kif meħtieġ biex tonqos il-ħela tal-ikel.

Il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea jsejjaħ għal 'sforz ikkombinat min-naħa tal-bdiewa, tal-industrija tal-ikel, tal-bejjiegħa bl-imnut u tal-konsumaturi, permezz ta' tekniki tal-produzzjoni li jkunu jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti, u ta' għażliet sostenibbli tal-ikel'. Il-mira Ewropea hija ċara: jitnaqqas bin-nofs ir-rimi tal-ikel li jista' jittiekel fl-UE sal-2020. Fil-fatt, xi membri tal-Parlament Ewropew sejħu għall-2013 biex tingħażel bħala s-'sena Ewropea kontra l-ħela tal-ikel'.

'Ma hemmx rimedju ħafif. Kull problema individwali differenti teħtieġ soluzzjoni differenti,' jgħid Tristram, filwaqt li jżid, 'L-aħbar tajba hija li aħna nistgħu nnaqqsu l-impatt ambjentali tagħna u dan ma għandux għalfejn ikun sagrifiċċju. Mhuwiex daqslikieku n-nies qed jintalbu jivvjaġġaw inqas, jieklu inqas jew isuqu inqas, affarijiet li kollha kemm huma jista' jkollna bżonn nagħmluhom. Fil-fatt hija opportunità. Irridu biss nieqfu narmu l-ikel u minflok, ingawduh.'



### Għal aktar tagħrif

- On global food waste — statistics and policies (Dwar il-ħela ta' ikel madwar id-dinja — statistiki u politiki): ara l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikoltura **www.fao.org**
- Għall-politiki tal-UE dwar il-miri dwar il-ħela ta' ikel, fost l-oħrajn: ara **'Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi'.**





# L-iskart fil-Groenlandja

**Minn ibliet densament popolati sa villaġġi remoti, kull fejn ngħixu niġġeneraw l-iskart. Ikel żejjed, skart elettroniku, batteriji, karti, fliexken tal-plastik, ħwejjeġ, għamara antika — dawn kollha jridu jintremew. Uħud jispiċċaw jintużaw mill-ġdid jew jiġu rriċiklati; oħrajn jinħarqu għall-enerġija jew jintbagħtu f'miżbliet. Ma hemmx mod wieħed kif jiġi ġestit l-iskart, li jkun japplika għall-iskart kollu kullimkien. Il-mod kif nagħmlu dan irid jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi lokali. Wara kollox, l-iskart jibda bħala problema lokali. Minħabba l-popolazzjoni sparsa, id-distanzi twal bejn il-villaġġi u n-nuqqas ta' infrastrutturi tagħha, il-gvern tal-Groenlandja jindirizza l-problema tal-iskart tal-pajjiż bil-mod li ġej.**

### Intervista ma' Per Ravn Hermansen

Per Ravn Hermansen jgħix f'Nuuk, il-belt kapitali tal-Groenlandja. Mar jgħix hemm mid-Danimarka biex jaħdem fil-ġestjoni tal-iskart fil-Ministeru għall-Affarijiet Domestiċi, in-Natura u l-Ambjent tal-Groenlandja.

### Kif inhi l-ħajja fil-Groenlandja?

'Il-ħajja f'Nuuk mhijiex differenti wisq minn dik fl-ibliet ta' daqs medju, bħal ħafna mill-ibliet li wieħed isib fid-Danimarka. Għandek l-istess tip ta' ħwienet u faċilitajiet. Madwar 15 000 ruħ jgħixu f'Nuuk. Filwaqt li kemm il-Groenlandiż kif ukoll id-Daniż huma mitkellma f'Nuuk, f'villaġġi iżgħar jitkellmu kważi biss bil-Groenlandiż.

Ilni ngħix hawn sa mill-1999 u naħseb li n-nies jikkonsmaw tipi ta' prodotti l-istess bħall-bqija tad-dinja, bħal kompjuters u mowbajls. Naħseb ukoll li n-nies qed isiru aktar konxji mill-problema tal-iskart.'

### Għalfejn il-problema tal-iskart fil-Groenlandja hija unika?

'Madwar 55 000 ruħ jgħixu fil-Groenlandja u bħal fil-bqija tad-dinja, in-nies jiġġeneraw l-iskart. Minn diversi perspettivi, il-'problema' tal-iskart fil-Groenlandja hija waħda aktarx komuni. In-negozji u d-djar tal-Groenlandja jiġġeneraw diversi tipi ta' skart u għandna bżonn namministrawh b'mod li ma nħassrux l-ambjent.

Minn perspettivi oħrajn, il-problema tal-iskart fil-Groenlandja hija unika minħabba d-daqs tagħha, aktar preċiżament minħabba l-villaġġi mifruxin tagħha. Hemm sitt ibliet relattivament kbar, 11-il belt iżgħar u madwar sittin villaġġ bi 30 sa 300 abitant mifruxin tul il-kosta. Il-parti l-kbira tal-popolazzjoni tgħix fuq il-kosta tal-Punent, iżda hemm villaġġi u bliet żgħar matul il-kosta tal-Lvant ukoll.

Huma biss sitt ibliet li għandhom impjanti ta' inċinerazzjoni u dawn mhumiex biżżejjed biex jittrattaw ammont suffiċjenti ta' skart inċinerabbli fil-livell ambjentali. U ma hemmx toroq li jgħaqqdu flimkien l-ibliet u l-villaġġi, u dan ifisser li ma nistgħux nittrasportaw faċilment l-iskart lejn l-impjanti ta' inċinerazzjoni. Primarjament, il-prodotti huma ttrasportati bil-baħar.

Bħalissa, għandna biss idea approssimattiva dwar l-ammont ta' skart muniċipali ġġenerat fil-Groenlandja u naħsbu li qed jiżdied. Nofs il-villaġġi għandhom dak li jien insejħilhom fran tal-inċinerazzjoni, filwaqt li l-bqija għandhom inċinerazzjoni fil-miftuħ jew miżbliet.

Finalment, naħseb li l-problemi kollha relatati mal-iskart għandhom diversi elementi komuni, iżda kollha huma uniċi. L-iskart huwa problema lokali b'implikazzjonijiet usa'. Is-soluzzjonijiet iridu jieħdu inkunsiderazzjoni din id-duwalità.'

### U x'jiġri minn skart perikoluż u skart elettroniku?

'Il-faċilitajiet fl-ikbar bliet iżarmaw l-iskart elettroniku u jittrattaw l-iskart perikoluż, li mbagħad jinħażnu fuq il-post sakemm jintbagħtu fid-Danimarka. Il-Groenlandja timporta kull tip ta' prodotti, inklużi ikel, ħwejjeġ u karozzi, li ħafna minnhom jiġu bil-baħar minn Aalborg. L-iskart perikoluż u elettroniku jitgħabba fuq il-bastimenti li jkunu ġabu l-merkanzija u li jkunu sejrin lura lejn id-Danimarka.'

### Fis-snin riċenti, il-kumpaniji multinazzjonali tat-tħaffir bdew ifittxu riżervi ta' żejt jew minerali li għadhom ma ġewx sfruttati. X'jiġri mill-iskart tat-tħaffir?

'Fil-Groenlandja għandha politika 'ta' bieb wieħed', li tippermetti lill-kumpaniji ta' tħaffir biex jiksbu l-permessi kollha meħtieġa mill-istess awtorità pubblika. Dan ifisser li huma jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom, li jkunu jkopru l-aspetti kollha tal-operazzjonijiet tagħhom, inkluż l-iskart, lill-Uffiċċju tal-Minerali u ż-Żejt Mhux Maħdum.

Kważi l-attivitajiet kollha tagħhom isiru ftit 'il bogħod mill-ibliet u l-villaġġi. Għal skart inċinerabbli, il-kumpanniji jistgħu jagħmlu ftehimiet ma' muniċipalitajiet lokali biex jużaw l-impjanti ta' inċinerazzjoni. Din id-domanda żejda għal inċinerazzjoni tikkaġuna pressjoni żejda fuq il-kapaċità ta' inċinerazzjoni lokali.'

### Kif qed tindirizza din il-problema?

'Waħda mill-għażliet proposti bħalissa tikkonsisti fil-bini ta' impjanti ta' inċenerazzjoni reġjonali u t-trasport tal-iskart. Huwa ċar li ma nistgħux nibnu impjanti ta' trattament tal-iskart f'kull belt. Qed nanalizzaw anki l-ġenerazzjoni tas-sħana — it-tisħin tad-djar billi naħarqu l-iskart.

F'ibliet iżgħar, qed nibdew nistabbilixxu faċilitajiet għaż-żarmar ta' skart elettroniku u għall-ġestjoni ta' skart perikoluż. Għal villaġġi iżgħar, qed inqiegħdu konteni turi għall-iskart elettroniku u l-iskart perikoluż, li mbagħad jistgħu jiġu ttrasportati lejn il-faċilitajiet fl-ibliet.

Bħalissa qed nimplimentaw żewġ proġetti piloti għat-trasport ta' skart inċinerabbli lejn l-ibliet fejn hemm impjanti ta' inċinerazzjoni.

Il-Gvern tal-Groenlandja għandu pjan ta' ġestjoni tal-iskart nazzjonali u l-attività li għadni kif semmejt hija parti minn dan il-pjan.'



### Għal aktar tagħrif

- Ċentru multimedjali tal-EEA: il-film **Mission Greenland – For a cleaner future** ('Missjoni Groenlandja – Għal ġejjieni aktar nadif').

# Kif iġġib il-prezz 'ġust'?



# Kif iġġib il-prezz 'ġust'?

**Ħafna ekonomiji ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw huma ffokati fuq l-isfruttar tar-riżorsi naturali biex joħorġu lill-popolazzjonijiet tagħhom mill-faqar, filwaqt li potenzjalment jagħmlu ħsara lis-sistemi naturali li jiddependu fuqhom. Is-soluzzjonijiet f'perjodu qasir spiss jgħarrqu l-benessri tal-popolazzjoni fit-tul. Il-gvernijiet jistgħu jgħinu s-swieq biex jistabbilixxu l-prezz 'ġust' għas-servizzi tan-natura u jinfluwenzaw l-għażliet ekonomiċi? Din li ġejja hija ħarsa mill-qrib lejn xi jfisser l-użu tal-ilma fil-produzzjoni tal-qoton għal Burkina Faso.**

Fuq livell globali, aktar minn biljun ruħ jgħixu f''faqar estrem', skont id-definizzjoni tal-Bank Dinji ta' sopravvivenza b'inqas minn USD 1.25 kuljum. U għad li s-sehem tal-popolazzjoni tad-dinja li tgħix fil-faqar niżel b'mod drammatiku tul l-aħħar 30 sena, numru sostanzjali ta' pajjiżi — ħafna minnhom fl-Afrika —batew biex jagħmlu progress.

F'dawn il-pajjiżi, l-attività ekonomija spiss hija ffokata fuq l-isfruttar tar-riżorsi naturali — permezz tal-biedja, il-forestrija, it-tħaffir għal riżorsi u l-bqija. Konsegwentement, l-isforzi biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' popolazzjonijiet li qed jikbru malajr, jistgħu jqiegħdu l-ekosistemi taħt pressjoni konsiderevoli.

F'diversi każijiet, ir-riżorsi, bħall-qoton, huma kkoltivati jew estratti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw u esportati lejn reġjuni aktar sinjuri bħall-Ewropa. Din ir-realtà tagħti għażla importanti lill-konsumaturi fid-dinja industrijalizzata: billi jew potenzjalment jgħinu biex joħorġu lill-'biljun ta' taħt nett' mill-faqar; jew potenzjalment ixekklu l-opportunitajiet ta' dawn il-foqra billi jħassru s-sistemi naturali li jiddependu fuqhom.

## 'Deheb abjad'

F'Burkina Faso — pajjiż niexef, mingħajr kosta u ferm fqir fil-limiti tan-Nofsinhar tas-Sahara — il-qoton huwa negozju tajjeb. Fil-fatt, huwa negozju enormi. Billi żiedet il-produzzjoni b'mod rapidu fis-snin riċenti, Burkina Faso issa hija l-akbar produttur tal-qoton fl-Afrika. Id-'deheb abjad', hekk kif inhuwa magħruf fir-reġjun, kien jammonta għal 85 % tad-dħul mill-esportazzjonijiet ta' Burkina fl-2007 u 12 % tal-produzzjoni ekonomika tagħha.

B'mod kruċjali, id-dħul mill-qoton huwa ferm mifrux. Is-settur iħaddem 15–20 % tal-forza tax-xogħol, u jipprovdi dħul dirett lil 1.5–2 miljun ruħ. U bħala xprun ewlieni tat-tkabbir ekonomiku fl-aħħar deċennju, huwa ġġenera dħul mit-taxxa li jista' jiffinanzja titjib fl-oqsma bħas-saħħa u l-edukazzjoni.

Għan-nies ta' Burkina Faso, il-benefiċċji tal-kultivazzjoni tal-qoton huma ċari. L-iżvantaġġi spiss huma inqas ovvji.

### Kunċetti dwar l-ilma fil-qosor

**L-impronti fuq l-ilma** u **l-ilma virtwali** huma kunċetti li jgħinuna nifhmu l-ammont ta' ilma li nikkonsmaw.

L-impronta fuq l-ilma hija l-volum ta' ilma frisk użat għall-produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi kkonsmati minn individwu jew komunità, jew għall-produzzjoni minn negozju. Tikkonsisti fi tliet komponenti. L-**impronta blu fuq l-ilma** hija l-volum ta' ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art użati għall-produzzjoni ta' prodotti u servizzi. L-**impronta ħadra fuq l-ilma** hija l-ammont ta' ilma tax-xita użat fil-produzzjoni. U l-**impronta griża fuq l-ilma** hija l-volum ta' ilma mniġġes mill-produzzjoni.

Kwalunkwe prodott jew servizz esportat jimplika anki l-esportazzjoni ta' **'ilma virtwali'** — l-ilma użat fil-produzzjoni tal-prodott jew is-servizz inkwistjoni. L-esportazzjonijiet ta' ilma virtwali jseħħu meta prodott jew servizz jiġi kkonsmat barra l-konfini taż-żona ta' ġbir tal-ilma minn fejn l-ilma jkun ġie estratt.

Għall-pajjiżi jew iż-żoni li jimportaw, l-importazzjoni ta' 'ilma virtwali' tippermetti li r-riżorsi ta' ilma domestiku jintużaw għal skopijiet oħrajn li jistgħu jkunu ferm utli għall-pajjiżi b'ilma skars. Sfortuntament, diversi pajjiżi li jesportaw ilma virtwali huma fil-fatt nieqsa mill-ilma iżda għandom klima sħuna, li tiffavorixxi l-produzzjoni agrikola. F'dawn il-pajjiżi b'ilma skars, l-esportazzjoni ta' ilma virtwali tqiegħed pressjonijiet żejda fuq ir-riżorsi tal-ilma u spiss timponi spejjeż soċjali u ekonomiċi peress li ma jkunx hemm biżżejjed ilma disponibbli għal attivitajiet u ħtiġijiet oħrajn.

Sors: **Water Footprint Network**





**‘Meta kien għad għandu biss tmien snin, Modachirou Inoussa kien diġà jgħin lill-ġenituri tiegħu fl-għelieqi tal-qoton. Fid-29 ta’ Lulju 2000, Modachirou ħadem ħafna u ġera lura lejn id-dar għax kien bil-għatx. Fi triqtu, sab kontenitur vojt, u ġabar fih ftit ilma biex jixrob minn gandott. Dak il-lejl ma wasalx lura d-dar. Wara tfittxija min-nies tal-villaġġ, ġismu nstab qrib flixkun Callisulfan vojt.’**

**Ivvelenar minn Endosulfan fl-Afrika tal-Punent**, irraportat minn PAN UK (2006)

Kwart mill-abitanti ma għandhomx aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb. Aktar minn 80 % huma bdiewa ta’ sussistenza, li jiddependu mill-ilma biex jilħqu l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom għall-ikel u l-kenn. Skont id-WMO, id-domanda annwali fuq ir-riżorsi tal-ilma taqbeż id-disponibbiltà b’10–22 %.

F’dan il-kuntest, iż-żieda enormi fil-produzzjoni tal-qoton fis-snin riċenti tidher riskjuża. L-għelejjel tal-qoton jixorbu ħafna — jeħtieġu irrigazzjoni matul ix-xhur nixfin u jikkonsmaw ħafna aktar ilma minn għelejjel komuni oħrajn ikkultivati.

L-assenjazzjoni tal-ilma għall-produzzjoni tal-qoton timplika li l-ilma jiġi allokat għaliha minflok għal użi possibbli oħrajn. Ħafna mill-ħsad huwa esportat, u dan ifisser li ammonti kbar ta’ ilma jintużaw biex jiġu sodisfatti d-domandi tal-konsumaturi barra l-pajjiż. Dan il-proċess huwa magħruf bħala l-esportazzjoni ta’ ‘ilma virtwali’.

Nofs il-qoton ta’ Burkina Faso huwa esportat lejn iċ-Ċina fejn jinbiegħ lill-fabbriki lokali tal-għażil u minn hemm lill-manifatturi tal-ħwejjeġ li jaqdu lis-swieq globali. Fi tmiem il-katina ta’ provvista, il-konsumaturi ta’ prodotti tal-qoton jkunu effettivament qed jimportaw volumi sostanzjali ta’ ilma — kultant minn żoni ferm aktar nixfin tad-dinja. Fil-każ tal-qoton, studju minnhom sab li 84% tal-impronta fuq l-ilma tal-Ewropa tinsab barra l-Ewropa.

Għal pajjiżi nixfin bħal Burkina Faso, normalment huwa preferibbli li jiġu importati prodotti intensivi fl-użu tal-ilma, u mhux li jiġu esportati. Wara kollox, l-esportazzjoni ta’ ‘ilma virtwali’ tista’ tfisser li ma jifdalx biżżejjed għan-nies u l-ekosistemi lokali. B’hekk, l-uniku mod li bih jista’ jiġi ġġudikat jekk hijiex idea tajba għal Burkina Faso li tuża l-ilma biex tikkoltiva l-qoton huwa billi jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji kollha meta mqabbla ma’ użi oħrajn. Waħdu, il-kunċett ta’ ilma virtwali ma jistax jgħidilna liema huwa l-aħjar mod kif jiġi ġestit l-ilma, avolja jgħaddilna informazzjoni ferm utli dwar l-impatti tal-għażliet ta’ produzzjoni u ta’ konsum tagħna

## Aktar tniġġis, inqas foresti

Il-konsum tal-ilma mhuwiex l-uniku tħassib marbut mal-produzzjoni tal-qoton f’Burkina Faso. Il-koltivazzjoni tal-qoton is-soltu tinvolvi użu qawwi ta’ pestiċidi. Tabilħaqq, it-tkabbir tal-qoton jinvolvi l-ammont notevoli ta’ 16 % tal-użu ta’ pestiċidi fid-dinja, minkejja li jkopri biss 3 % tal-art ikkoltivata madwar id-dinja.

L-impatti jistgħu jkunu severi għan-nies u l-ekosistemi lokali. Iżda peress li l-individwi li japplikaw il-pestiċidi ma jħossux dawn l-effetti kollha u jistgħu lanqas biss ikunu jafu bihom, dawn mhumiex se jqisuhom bis-sħiħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom. (Għal din ir-raġuni, jista’ jkun importanti li l-koltivaturi lokali jiġu mgħallma u mgħarrfa dwar il-pestiċidi u l-effetti tagħhom.)

L-ilma mhuwiex biss l-unika riżorsa li qed tintuża. Riżorsa kruċjali oħra hija l-art. Bħal f’ħafna postijiet, f’Burkina Faso l-art tista’ tintuża b’diversi modi differenti. In-nies ta’ Burkina Faso jiggwadanjaw aktar benefiċċji jekk jikkonvertu l-art għall-produzzjoni tal-qoton?

## It-tajjeb għal wieħed mhux bilfors tajjeb għal kulħadd

Din il-kwistjoni mhijiex waħda insinifikanti. Iż-żona tal-foresti ta' Burkina Faso naqset bi 18 % fil-perjodu 1990–2010, parzjalment minħabba l-agrikoltura li qed tespandi, u r-rata ta' telf fil-foresti qed tiżdied. Sid privat ta' foresta f'Burkina Faso jista' jippreferi jikkoltiva l-qoton għaliex irendi aktar profitt għalih li jbigħ l-injam (jew jużah bħala fjuwil) u jikkoltiva l-art, minflok ma jippreserva l-foresta. Iżda din mhux neċessarjament tkun l-aħjar soluzzjoni għal Burkina Faso — għan-nies u l-ekosistemi tagħha.

Il-foresti jipprovdu lill-bnedmin — fil-qrib jew fil-bogħod — b'ħafna aktar benefiċċji mis-sempliċi valur tal-injam. Dawn jipprovdu ħabitat għall-bijodiversità, jipprevjenu l-erożjoni tal-ħamrija, jassorbu d-diossidu tal-karbonju, jipprovdu opportunitajiet ta' rikreazzjoni, u l-bqija. Li kieku s-soċjetà kollha kellha tiddeċiedi kif tuża l-art — u tista' tieħu d-deċiżjoni fuq il-bażi ta' valutazzjoni sħiħa tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet differenti — aktarx li ma tużax l-art u l-ilma kollha għall-produzzjoni tal-qoton biss.

Din id-differenza bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż li jħabbtu wiċċhom magħha l-individwi u dik li tħabbat wiċċha magħha s-soċjetà hija problema kruċjali.

Fit-tweġiba għal dawn il-problemi — kemm għandu jintuża ilma fil-produzzjoni tal-qoton, kemm pestiċidi, kemm art — il-bdiewa madwar id-dinja jieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji relattivi. Iżda filwaqt li l-bidwi jista' jikseb il-qligħ kollu meta jbiegħ il-qoton, ġeneralment ma jġarrabx l-ispejjeż kollha. L-ispiża tax-xiri ta' pestiċidi, pereżempju, spiss hija insinifikanti meta mqabbla mal-impatti tal-użu ta' pestiċidi fuq is-saħħa. Għalhekk, l-ispejjeż jgħaddu għal persuni oħrajn, inklużi l-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

Il-problemi jfeġġu għaliex, bħall-biċċa l-kbira minna, il-bidwi qed jieħu d-deċiżjonijiet fuq il-bażi tal-interess proprju tiegħu. U din id-distorsjoni tgħaddi lill-oħrajn permezz tas-swieq globali. Il-prezzijiet imħallsa min-negozjanti, mill-manifatturi tal-ħwejjeġ u, finalment, mill-konsumaturi ma jirrappreżentawx kif xieraq l-ispejjeż u l-benefiċċji involuti fl-użu tar-riżorsi u l-produzzjoni tal-prodotti.

Din hija problema serja. Kważi kullimkien fid-dinja, is-swieq u l-prezzijiet jintużaw biex jiggwidaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħna, u għalhekk, jekk il-prezzijiet jagħtuna stampa qarrieqa tal-impatti tal-produzzjoni u l-konsum, aħna nieħdu deċiżjonijiet żbaljati. L-istorja tgħallimna li s-swieq jistgħu jkunu mekkaniżmu ferm effettiv biex jiggwidaw id-deċiżjonijiet tagħna dwar l-użu u l-produzzjoni tar-riżorsi u l-massimizzazzjoni tal-prosperità. Iżda meta l-prezzijiet ikunu żbaljati, is-swieq ifallu.





**’99 % tal-bdiewa tal-qoton tad-dinja jgħixu fid-dinja li qed tiżviluppa. Dan ifisser li l-pestiċidi huma applikati f’oqsma fejn l-illitteriżmu huwa għoli u l-għarfien dwar is-sikurezza huwa baxx, u b’hekk kemm l-ambjent u kemm il-ħajjiet ikunu f’riskju.’**

**Steve Trent,** Direttur tal-Environmental Justice Foundation (Fondazzjoni tal-Ġustizzja Ambjentali)

## Meta s-swieq ifallu: korrezzjonijiet u limitazzjonijiet

X’nistgħu nagħmlu dwar dan? Sa ċertu punt, il-gvernijiet jistgħu jieħdu passi biex jikkoreġu l-fallimenti tas-swieq. Jistgħu jimponu regolamenti u taxxi fuq l-użu ta’ ilma u pestiċidi biex il-bdiewa jużaw jew isibu alternattivi inqas dannużi. Min-naħa l-oħra, jistgħu jipprovdu ħlasijiet lil sidien tal-foresti biex jiġu riflessi l-benefiċċji li l-foresti jipprovdu lis-soċjetà fil-livell nazzjonali jew internazzjonali — u għalhekk jipprovdu sors alternattiv ta’ dħul. L-importanti huwa li l-inċentivi tal-individwu jiġu allinjati ma’ dawk tas-soċjetà kollha kemm hi.

Huwa importanti wkoll li tiġi pprovduta informazzjoni lill-konsumaturi biex tiġi kkomplementata l-informazzjoni meħmuża mal-prezzijiet. F’diversi pajjiżi, naraw dejjem aktar tikketti li jgħarrfuna dwar kif il-prodotti jiġu manifatturati, flimkien ma’ kampanji minn gruppi ta’ interess biex jiżdiedu l-għarfien u l-fehim ta’ dawn il-problemi. Ħafna minnha jkunu lesti jħallsu iktar jew jikkonsmaw inqas jekk nifhmu l-impatti tal-għażliet tagħna.

F’ċerti każijiet, il-gvernijiet iridu jmorru lil hinn milli sempliċiment jikkoreġu s-suq u jillimitaw verament ir-rwol tiegħu fl-allokazzjoni tar-riżorsi. Kemm il-bnedmin kif ukoll l-ekosistemi jeħtieġu l-ilma biex jgħixu u jimxu ’l quddiem. Tabilħaqq, ħafna jargumentaw li n-nies għandhom dritt għal biżżejjed ilma għax-xorb, ikel, sanità, u ambjent f’saħħtu. Għaldaqstant, il-gvernijiet jista’ jkollhom id-dmir li l-ewwel jiżguraw li l-ħtiġijiet tan-nies jintlaħqu qabel ma jużaw is-suq biex jinqasam dak li jifdal.

Lura f’Burkina Faso, il-gvern u l-imsieħba internazzjonali ffokaw fuq kif tintlaħaq il-ħtieġa bażika ta’ aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb. Għad li din għadha mhijiex realtà għal kwart mill-abitanti, is-sitwazzjoni llum tirrappreżenta titjib kbir meta mqabbla ma’ 20 sena ilu, meta 60 % ma kellhomx aċċess bħal dan.

## Bidla fl-inċentivi

Globalment, qed isiru sforzi biex jiġu kkoreġuti u limitati s-swieq miftuħin, filwaqt li jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tagħhom. Madankollu, bħalissa l-prezzijiet tas-suq spiss jagħtu informazzjoni qarrieqa — u r-riżultat huwa t-teħid ta' deċiżjonijiet ħżiena mill-produtturi u l-konsumaturi wkoll.

Li kieku s-swieq kienu qed jaħdmu sew u l-prezzijiet jirriflettu l-ispejjeż u l-benefiċċji sħaħ tal-azzjonijiet tagħna, Burkina Faso tkompli tipproduċi l-qoton?

Għad li diffiċilment nistgħu nkunu żguri, jidher ferm probabbli li iva. Għal pajjiż ferm fqir, mingħajr kosta u fqir mir-riżorsi bħal Burkina Faso, ma hemmx toroq faċli għall-prosperità. Tal-inqas, is-settur tal-qoton joffri qligħ konsiderevoli, filwaqt li potenzjalment jipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ekonomiku u standards ta' għajxien imtejbin.

Iżda t-tkomplija tal-produzzjoni tal-qoton ma għandhiex għalfejn tfisser li jkomplu jintużaw tekniki ta' produzzjoni intensivi fl-użu tal-ilma u l-pestiċidi. Jew li jkomplu jonqsu ż-żoni ta' foresta. Metodi alternattivi, bħall-produzzjoni ta' qoton organiku, jistgħu jnaqqsu l-użu tal-ilma u jeskludu l-użu ta' pestiċidi għal kollox. L-ispejjeż diretti tal-koltivazzjoni tal-qoton organiku huma akbar — li jfisser li l-prezzijiet li l-konsumaturi jħallsu għall-prodotti tal-qoton huma ogħla — iżda jiġu kkumpensati b'mod konsiderevoli bit-tnaqqis fl-ispejjeż indiretti imposti fuq il-koltivaturi tal-qoton u l-komunitajiet tagħhom.

## L-għażla f'idejk

Ċertament, dawk li jfasslu l-politiki għandhom rwol x'jaqdu biex jgħinu lis-swieq jaħdmu kif suppost, biex is-sinjali tal-prezzijiet jipprovdu inċentivi biex jittieħdu deċiżjonijiet b'mod sostenibbli. Iżda dawk li jfasslu l-politiki mhumiex waħedhom — anki ċ-ċittadini mgħarrfa jistgħu jagħmlu differenza.

Il-katini tal-provvista globali jfissru li d-deċiżjonijiet tal-manifatturi, il-bejjiegħa bl-imnut u l-konsumaturi fl-Ewropa jistgħu jħallu impatt sinifikanti fuq il-benessri tan-nies f'artijiet 'il bogħod bħal Burkina Faso. Veru li impatti bħal dawn jistgħu jinkludu l-ġenerazzjoni ta' impjiegi u qligħ, iżda jistgħu jinvolvu wkoll l-użu żejjed ta' riżorsi limitati tal-ilma u l-ivvalenar tan-nies u l-ekosistemi lokali.

Finalment, il-konsumaturi għandhom is-setgħa li jiddeċiedu. Hekk kif dawk li jfasslu l-politiki jistgħu jiggwidaw il-konsum tagħna billi jinfluwenzaw il-prezzijiet, hekk il-konsumaturi jistgħu jibagħtu sinjali lill-produtturi billi jitolbu qoton imkabbar b'mod sostenibbli. Tajjeb li tirreflett fuq dan il-punt l-ewwel darba li tmur tixtri par jeans.





### Għal aktar tagħrif

- Dwar strumenti bbażati fuq is-suq, *Market-based instruments for environmental policy in Europe* (Strumenti bbażati fuq is-suq għall-politika ambjentali fl-Ewropa), **Rapport Tekniku tal-EEA 8/2005.**
- Dwar il-produzzjoni tal-qoton f'Burkina Faso: Kaminski, 2011, **Cotton dependence in Burkina Faso: Constraints and opportunities for balanced growth,** (Dipendenza fuq il-qoton f'Burkina Faso: Limitazzjonijiet u opportunitajiet għat-tkabbir ibbilanċjat), Pubblikazzjonijiet tal-Bank Dinji.



# Kif tagħmel 'sens kummerċjali'?

**Minn impriżi żgħar sa multinazzjonali, diversi kumpaniji qed ifittxu modi kif iżommu jew iżidu s-sehem tagħhom mis-suq. Fi żminijiet ta' kompetizzjoni globali ħarxa, il-kisba tas-sostenibbiltà tissuġġerixxi ħafna aktar milli l-immaġni korporattiva 'ssir aktar ekoloġika' u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Tista' tfisser linji ġodda ta' negozju.**

Aktarx li l-invażjoni minn xadini kbar ma ssemmietx fost ir-riskji tan-negozju ewlenin ta' Unilever, iżda ġrat. Fil-21 ta' April 2008, il-kwartieri ġenerali ta' Unilever f'Londra u l-faċilitajiet tagħha f'Merseyside, Ruma u Rotterdam ġew invaduti minn attivisti tal-Greenpeace li libsu bħal orang-utani. L-attivisti kienu qed jipprotestaw kontra l-ħsara li saret fil-foresti tropikali tal-Indoneżja mill-produzzjoni taż-żejt tal-palma, użat f'ħafna prodotti ta' Unilever. Ftit wara l-invażjoni, il-kumpanija ħabbret li kienet se tieħu ż-żejt tal-palma kollu tagħha minn sorsi 'sostenibbli' sal-2015. Minn dak in-nhar 'l hawn, il-kumpanija fasslet pjan ta' direzzjoni tan-negozju biex tintegra s-sostenibbiltà fil-qalba tal-prattiki tagħha.

Jistgħu jkunu bosta r-raġunijiet differenti li jimmotivaw lil kumpanija multinazzjonali biex tadotta prattiki aktar sostenibbli. Tista' tkun marbuta mal-immaġni korporattiva ta' kumpanija jew l-immaġni tal-marki tagħha. Is-sostenibbiltà tista' anki tintalab mill-investituri tal-kumpanija li jistgħu jiddejqu jonfqu flushom f'kumpaniji li ma jindirizzawx ir-riskji tal-bidla ambjentali jew li mhumiex interessati milli japprofittaw mill-benefiċċji tal-eko-innovazzjoni.

Hekk kif tgħid Karen Hamilton, Viċi-President tas-Sostenibbiltà f'Unilever: 'ma naraw l-ebda kunflitt bejn it-tkabbir u s-sostenibbiltà. Fil-fatt, dejjem aktar konsumaturi qed jitolbuna dan.'

Jew jista' jkun sempliċiment, li l-adottar ta' prattiki sostenibbli jagħmel sens mill-perspettiva tan-negozju. Il-kumpaniji jistgħu jiksbu vantaġġ kompetittiv u jżidu s-sehem mis-suq tagħhom. Jista' jfisser ukoll opportunitajiet tan-negozju ġodda għal eko-intraprendituri innovattivi li jwieġbu għal talba li qed tikber għal prodotti 'li jirrispettaw l-ambjent'.

Karen tisħaq, 'Is-sostenibbiltà timplika anki ffrankar ta' spejjeż. Jekk nistgħu nnaqqsu l-imballaġġ, nistgħu nnaqqsu l-użu tal-enerġija fil-fabbrika, u għalhekk jiġu ffrankati l-flus u tiżdied il-profitabbiltà.'

## Fejn jistgħu jinstabu l-ideat

Ladarba kumpaniji multinazzjonali kbar jibdew jadottaw prattiki li jirrispettaw aktar l-ambjent, id-daqs tagħhom jippermettilhom jagħmlu differenza li tinħass. Għandhom it-tendenza li jsejħu lill-kollegi tagħhom biex jadottaw prattiki simili. Il-Kunsill Kummerċjali Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli (WBCSD), imwaqqaf fil-ġurnata ta' qabel is-Summit ta' Rio tal-1992 biex jagħti leħen lis-settur kummerċjali, huwa pjattaforma mwaqqfa biex tiġi promossa s-sostenibbiltà fis-settur kummerċjali.

Ir-rapport 'Vision 2050' (Viżjoni 2050) tad-WBCSD, mibni minn CEOs u esperti ewlenin, jispjega l-elementi essenzjali li s-settur kummerċjali għandu jimplimenta fid-deċennji li ġejjin biex tinkiseb is-sostenibbiltà globali. Fi kliem ieħor, hija sejħa għas-sostenibbiltà mis-settur stess.

L-'elementi essenzjali' ewlenin identfikati mid-WBCSD jirriflettu ħafna mill-għanijiet ta' dawk li jfasslu l-politiki: tfassil tal-prezzijiet tas-suq b'tali mod li jinkludu l-ispejjeż tal-ħsara ambjentali; is-sejbien ta' modi effiċjenti ta' produzzjoni ta' aktar ikel mingħajr ma jintużaw aktar art u ilma; waqfien tad-deforestazzjoni; tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju madwar id-dinja billi tibda tintuża enerġija li tirrispetta l-ambjent; u użu tal-enerġija b'mod effiċjenti kullimkien, inkluż fis-settur tat-trasport.

Il-Proġett ta' Divulgazzjoni tal-Karbonju (CDP) huwa inizjattiva oħra li tippromwovi s-sostenibbiltà fis-settur kummerċjali. Hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, bil-għan li tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u fl-użu tal-ilma min-negozji u l-ibliet. Is-CDP jgħin anki lill-investituri biex jivvalutaw ir-riskji tan-negozju marbuta mal-ambjent, bħat-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, l-għargħar u t-tniġġis, jew sempliċiment nuqqas ta' materja prima. Speċjalment fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja attwali, l-investituri għandhom rwol importanti dwar liema kumpaniji jsalvaw.

## L-ebda soluzzjoni waħda li ssolvi kollox

Mela l-kwistjoni tibqa': kif tista' kumpanija tittrasforma s-sostenibbiltà f'ġestjoni tan-negozju? Ma hemmx soluzzjoni li ssolvi kollox, iżda hemm ħafna pariri u appoġġ disponibbli.

Il-pjattaformi kummerċjali sostenibbli, bħall-Kunsill Kummerċjali Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Proġett ta' Divulgazzjoni tal-Karbonju, jipprovdu gwida lil kumpaniji li jixtiequ jsiru pijunieri. Hemm anki rakkomandazzjonijiet aktar immirati bħal-Linji gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, li huma mehmużin mad-Dikjarazzjoni tal-OECD dwar l-Investiment Internazzjonali u l-Impriżi Multinazzjonali. Jipprovdu prinċipji u standards volontarji għall-kondotta tan-negozju responsabbli għall-korporazzjonijiet multinazzjonali f'pajjiżi li aderixxew għad-Dikjarazzjoni.

Madankollu, ħafna mill-iskemi eżistenti huma volontarji u ġeneralment ikunu indirizzati fi ħdan kuntest usa' ta' responsabbiltà soċjali korporattiva.

Mhumiex biss il-maniġers ewlenin fid-diversi kumpaniji li jiggwidaw it-tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli. Il-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi inġenerali jistgħu jgħinu lill-kumpaniji billi joħolqu kundizzjonijiet ekwi u jipprovdu inċentivi. Il-kostumi ta' orang-utan mhux dejjem jistgħu jkunu meħtieġa, iżda anki l-konsumaturi u s-soċjetà ċivili jistgħu jibagħtu sinjal b'saħħtu lis-settur privat, sempliċiment billi juru li hemm interess fi prodotti ekoloġiċi.

Karen tikkonferma dan: 'Il-gvernijiet u s-soċjetà ċivili żgur li jridu jaħdmu flimkien. B'mod partikolari, in-negozji jistgħu jagħmlu differenza fil-katini ta' provvista transkonfinali u, ovvjament, fl-iskala li fiha jilħqu lill-konsumaturi.'




### Għal aktar tagħrif

- Kunsill Kummerċjali Dinji għall-Iżvilupp Sostenibbli: **www.wbcsd.org**
- Il-Proġett ta' Divulgazzjoni tal-Karbonju: **www.cdp.net**

# Lokali u globali



# Lokali u globali

**Meta niffaċċjaw l-iskarsezza jew il-pressjonijiet akbar fuq ir-riżorsi vitali bħall-ilma u l-art, il-kwistjoni dwar min jiddeċiedi tista' tkun importanti daqs dik dwar kif jiġu amministrati u użati r-riżorsi. Il-koordinazzjoni globali spiss hija essenzjali iżda mingħajr approvazzjoni u involviment lokali, xejn ma jista' jsir b'mod effettiv.**

Aktarx li lkoll kemm aħna smajna l-istorja ta' Hans Brinker, it-tifel żgħir Olandiż, li għadda lejl b'subgħajh fit-toqba tad-diga biex isoddha u jwaqqaf l-ilma milli jidħol u jgħarraq il-belt ta' Harlem. Ħafna ta' spiss jossorprendu ruħhom meta jsiru jafu li l-istorja nkitbet minn awtriċi Amerikana, Mary Mapes Dodge (1831–1905), li qatt ma marret fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Joep Korting mhuwiex magħruf daqs dak it-tifel, iżda huwa ħolqa ewlenija f'waħda mill-aktar sistemi ta' ġestjoni tal-ilma sofistikati fid-dinja, li tinkludi amministrazzjoni lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll tillinkja ma' awtoritajiet f'pajjiżi oħrajn u sistemi ta' monitoraġġ kompjuterizzati sofistikati li jużaw satelliti biex jivverifikaw l-infrastruttura mingħajr waqfien.

Joep huwa wkoll wieħed mil-links fuq il-post, essenzjali għall-implimentazzjoni ta' waħda mill-aktar direttivi ambizzjużi u komprensivi tal-leġiżlazzjoni Ewropea li qatt kien hawn — id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD).

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ssejjaħ għal azzjoni koordinata biex jinkiseb 'stat tajjeb' għall-ilmijiet kollha tal-UE, inkluż l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art, sal-2015. Tistabbilixxi wkoll dwar kif għandna namministraw ir-riżorsi tal-ilma tagħna fuq il-bażi ta' distretti ta' baċiri tax-xmajjar naturali. Diversi partijiet oħrajn tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima u d-Direttiva dwar l-Għargħar, jikkomplementaw id-WFD fit-titjib u l-ħarsien tal-ilmijiet u l-ħajja akkwatika tal-Ewropa.

## Nerġgħu nikkunsidraw il-mod kif ngħixu

Mhuwiex sigriet li l-ilma huwa problema kbira fil-Pajjiżi l-Baxxi. Madwar 25 % taż-żona tal-art ta' dan il-pajjiż — li fuqha tgħix 21 % tal-popolazzjoni Olandiża — hija taħt il-livell tal-baħar. Ħamsin fil-mija taż-żona tal-art hija biss metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. Iżda l-Pajjiżi l-Baxxi għandu aktar mill-baħar dwar xiex jitħasseb. Il-provvista ta' ilma frisk liċ-ċittadini u n-negozji, il-ġestjoni tax-xmajjar li ġejjin minn pajjiżi oħrajn kif ukoll in-nuqqas ta' ilma fil-perjodi sħan huma biss uħud mill-kompiti li dan il-pajjiż iħabbat wiċċu magħhom.

L-Olandiżi mhumiex waħedhom. L-ilma qed isir problema kritika madwar id-dinja. Matul is-seklu 20, esperjenzjajna tkabbir li qatt ma deher qabel fil-popolazzjoni, l-ekonomija, il-konsum u l-produzzjoni ta' skart. L-estrazzjoni ta' ilma biss ittripplat tul l-aħħar 50 sena.

L-ilma huwa biss wieħed mir-riżorsi taħt pressjoni dejjem akbar. Hemm ħafna



**L-ilma huwa riżorsa vitali. Isostnina, jgħaqqadna u jgħinna nirnexxu. Is-soċjetajiet tagħna ma jistgħux jgħixu mingħajr ilma frisk. Niddependu fuqu mhux biss biex inkabbru l-ikel tagħna, iżda anki biex nipproduċu kważi kull prodott u servizz ieħor li ngawdu.**



aktar problemi ambjentali, mill-kwalità tal-arja sad-disponibbiltà tal-art, li ġew serjament affettwati mill-iżviluppi ewlenin bħall-popolazzjonijiet, l-ekonomiji u l-konsum li qegħdin dejjem jikbru.

Għad li ma għandniex l-istampa sħiħa, dak li nafu dwar l-ambjent iġegħelna nerġgħu nikkunsidraw il-mod kif nużaw u namministraw ir-riżorsi tagħna. Din il-kunsiderazzjoni mill-ġdid — l-ekonomija li tirrispetta l-ambjent — tista' tinvolvi bidla fundamentali fil-mod kif ngħixu, ninnegozjaw, nikkonsmaw u nittrattaw l-iskart tagħna, bidla fir-relazzjoni sħiħa tagħna mal-pjaneta. Element ewlieni tal-ekonomija li tirrispetta l-ambjent hija l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali tad-Dinja. Iżda xi tfisser ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi? Kif tista' ssir fil-każ tal-ilma?

## Ġestjoni tal-ilma fuq il-post

Joep jibda jaħdem fl-awtorità lokali tal-ilma f'Deurne, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fit-8 a.m. kull għodwa. Fost il-kompiti ewlenin tiegħu hemm il-verifika ta' numru żgħir tas-17 000 kilometru ta' digi f'dan il-pajjiż żgħir — li 5 000 kilometru minnhom jipproteġu kontra l-baħar u x-xmajjar ewlenin.

Joep jivverifika wkoll il-kanali, ix-xtabi u s-swieqi — xi kultant ineħħi l-iskart jew il-qtugħ mill-agrikoltura, u xi kultant isewwi t-tagħmir imħassar. Ikun xi jkun il-kompitu, kostantament ikejjel l-għoli tal-ilma u jniżżel noti dwar arranġamenti possibbli biex jiġi amministrat.

Iż-żona fejn jaħdem Joep għandha 500 ilqugħ li huma sorveljati ta' kuljum. Billi jdawwar l-ilqugħ 'il fuq jew 'l isfel il-livell tal-ilma jiżdied jew jonqos biex jiġi kkontrollat il-moviment tal-ilma madwar ir-reġjun. Minkejja s-sistemi kollha b'teknoloġija avvanzata, Joep u seba' kollegi jħaddmu u jikkontrollaw ix-xtabi b'mod manwali kuljum. Il-livelli tal-ilma huma sorveljati ta' kuljum u hemm pjan ta' azzjoni ta' emerġenza u linji tat-telefon għal emerġenza li jaħdmu 24 siegħa kuljum.

## Demokrazija tal-partijiet interessati

Joep u l-kollegi tiegħu qed jimplimentaw deċiżjonijiet meħuda mill-bords Olandiżi dwar l-ilma. Bħalissa hemm 25 Bord lokali dwar l-Ilma fil-Pajjiżi l-Baxxi. Flimkien, jirrappreżentaw kunċett istituzzjonali ġej mis-seklu 13 meta l-bdiewa ngħaqdu u fasslu ftehimiet biex jieħdu l-ilma flimkien mill-għelieqi tagħhom. B'mod uniku, il-bords dwar l-ilma huma kompletament awtonomi mill-gvern lokali u għandhom ukoll il-baġits tagħhom u l-elezzjonijiet tagħhom — u dan jagħmel il-bords dwar l-ilma l-eqdem istituzzjonijiet demokratiċi fil-Pajjiżi l-Baxxi.

'Dan ifisser li meta jsiru diskussjonijiet dwar il-baġit jew l-elezzjonijiet lokali, ma nkunux qed nikkompetu ma' investimenti fi grawnds tal-futbol lokali, faċilitajiet tal-iskejjel, ċentri għaż-żgħażagħ jew xi triq ġdida — li jistgħu jkunu għażliet aktar popolari,' qalet Paula Dobbelaar, Kap ta' distrett tal-bord dwar l-ilma ta' Aa en Maas u l-kap ta' Joep.

‘Għandna anki attivitajiet ta’ kuljum, pereżempju, fir-rigward tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, qed nippruvaw nagħtu aktar ħelsien lix-xmajjar tagħna — billi nippermettulhom jisserpu u jsibu triqthom u mhux biss jgħaddu f’mogħdija dritta. Billi nagħtuhom dan il-ħelsien u nagħtuhom aktar spazju, dawn jieħdu natura ferm differenti — isiru parti minn ekosistema aktar naturali mill-ġdid,’ tgħid Paula.

‘Il-problema fil-Pajjiżi l-Baxxi hija li aħna konna ferm organizzati fl-imgħoddi u rnexxielna nindirizzaw il-problemi tal-ilma — żammejna lil kulħadd sikur għal 50 sena — imma issa n-nies ma għadhomx japprezzaw dan kollu. Pereżempju, is-sena l-oħra, kellna xita qalila f’din il-parti tal-Ewropa u filwaqt li n-nies fil-Belġju kienu ferm imħassba dwar din il-ħaġa, l-Olandiżi ma kinux — stennew li din il-problema tiġi indirizzata,’ kompliet Paula.

Kif intqal, il-membri tal-awtorità lokali dwar l-ilma huma eletti iżda 15 % biss tal-popolazzjoni tivvota f’dawn l-elezzjonijiet. ‘Mhuwiex verament rappreżentattiv u mill-ġdid huwa riżultat tal-fatt li l-persuni Olandiżi saru xi ftit indifferenti għall-kwistjonijiet dwar l-ilma,’ qalet.

## Il-medda wiesgħa bejn lokali u globali

L-għażliet politiċi ewlenin għall-ġestjoni sostenibbli u effettiva tal-ilma trid tinkludi l-innovazzoni teknoloġika, governanza flessibbli u kooperattiva, parteċipazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika u strumenti u investimenti ekonomiċi. L-involviment ta’ persuni fil-livell lokali huwa essenzjali.

‘Ċertament, l-ilma jgħaqqadna fil-livell globali u lokali — il-problemi u s-soluzzjonijiet,’ qalet Sonja Timmer li taħdem fid-Dipartiment Internazzjonali tal-Assoċjazzjoni Olandiża tal-Maniġers Reġjonali tal-Ilma, l-organizzazzjoni ġenerika għall-ġestjoni tal-ilma madwar il-Pajjiżi l-Baxxi.

‘Il-fatt huwa li minkejja livell għoli ta’ standards tas-sikurezza fil-Pajjiżi l-Baxxi, qed nesperjenzjaw livelli ogħla tal-baħar, xitwiet ferm nixfin segwiti minn aktar inċidenti ta’ xita mhux mistennija, imsejħa ’’kapriċċjuża’’ f’Awwissu, u fis-snin riċenti, bħala riżultat tax-xita qalila fl-Isvizzera u l-Ġermanja, ir-Rhine kienet qed tkun ferm għolja. Dak l-ilma jispiċċa hawn.’





## Żamma tal-enfasi fuq l-ambjent

'Ovvjament, il-ġestjoni ta' aktar ilma li f'ċerti żminijiet ifur bejn konfini internazzjonali, jew ta' livelli ogħla tal-baħar tinvolvi azzjoni internazzjonali. Aħna parti minn netwerk internazzjonali u mill-esperjenzi kondiviżi tagħna nosservaw li jekk l-ilma ma jkunx fl-aħbarijiet kuljum, xogħolna jsir aktar diffiċli,' tgħid Sonja.

'Għalija, xogħolna fil-livell lokali huwa marbut ma' dak nazzjonali u internazzjonali' tgħid Paula. Minn naħa, għandna impjegati li jmorru jivverifikaw l-ilqugħ u l-mogħdijiet tal-ilma .... u jiżguraw li dawn jibqgħu nodfa u li l-livelli tal-ilma jkunu dawk li jridu l-klijenti tagħna (bdiewa, ċittadini, organizzazzjonijiet ta' konservazzjoni tan-natura). Min-naħa l-oħra, għandna pjanijiet kbar li huma ttrasformati minn prinċipji ferm astratti tal-WFD tal-UE fi protokolli konkreti biex Joep iħaddimhom f'dan il-qasam. Illum napprezza dan l-aspett lokali. Qabel, kont naħdem madwar id-dinja f'livell strateġiku — f'livell għoli bi ftit li xejn fehim dwar il-bżonn li l-istrutturi lokali jiġu rranġati.'

'Meta tkun bilqiegħda mal-ministri titkellem dwar l-istrateġija globali dwar l-ilma, mhuwiex faċli li tibqa' prattiku. Din kienet problema kbira għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw — ħafna strateġija fil-livell għoli — ftit li xejn fehim, infrastruttura, investimenti prattiċi.'

'Hekk kif il-problemi dwar l-ilma jsiru realtà urġenti fl-Ewropa, għandna bżonn dan l-approċċ lokali 'prattiku' kif ukoll il-pjanijiet akbar', tgħid Paula.

'Għandi tmien persuni li jikkontrollaw ix-xtabi kuljum. Kollha jgħixu hawn u jifhmu n-nies lokali u l-kundizzjonijiet lokali. Mingħajr dawn l-affarijiet, tispiċċa bi pjan wieħed li jfalli li sempliċiment jiġi sostitwit b'ieħor. Irridu naħdmu fuq dan ilkoll kemm aħna — billi nagħmlu d-differenza b'mod lokali — filwaqt li tingħata s-setgħa lin-nies biex jieħdu ħsieb il-problemi tal-ilma tagħhom stess,' tgħid.

'Il-livell lokali huwa importanti wkoll,' taqbel Sonja. 'Il-governanza, l-approċċ funzjonali, deċentralizzat, jista' jieħu bosta forom u għalhekk jaħdem. Irridu biss nerġgħu nġibu l-parteċipazzjoni tan-nies u nispjegawlhom li hemm riskju u li rriduhom jibqgħu jieħdu sehem,' tgħid.

## Kriżi ta' governanza

Għad li partijiet tad-dinja qed iħabbtu wiċċhom mar-riskju ta' skarsezza ta' ilma u oħrajn mar-riskju ta' għargħar, id-diskors dwar kriżi globali tal-ilma mhuwiex preċiż. Minflok, qed niffaċċjaw kriżi tal-governanza tal-ilma.

Biex jintlaqħu l-ħtiġijiet ta' soċjetà effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, is-sostenn tal-iżvilupp tal-bniedem u dak ekonomiku, u ż-żamma tal-funzjonijiet essenzjali tal-ekosistemi tal-ilma, jeħtieġ li aħna nagħtu leħen, lobby, lill-ekosistemi li ħafna drabi huma siekta. Qed nitkellmu dwar għażliet politiċi — għażliet li jridu jkunu bbażati fuq il-qafas governattiv u istituzzjonali t-tajjeb.

Illum spiss issir referenza għall-istorja tat-tifel ċkejken li deffes subgħajh fid-diga, biex jiġu spjegati l-bosta approċċi differenti għall-ġestjoni ta' sitwazzjoni. Tista' tirreferi għat-teħid ta' azzjoni żgħira biex jiġi evitat diżastru kbir. Tista' tfisser ukoll li jsir tentattiv biex jiġu mfejqa s-sintomi minflok ma jiġu indirizzati l-kawżi.

Ir-realtà hija li ġestjoni effettiva tal-ilma, bħall-ġestjoni ta' ħafna riżorsi oħrajn, se teħtieġ soluzzjonijiet li jħaddmu taħlita ta' azzjonijiet u deċiżjonijiet fil-livelli varji. Il-miri u l-impenji globali jistgħu biss jiġu ttrasformati f'kisbiet konkreti jekk ikun hemm persuni bħal Joep u Paula biex jimplimentawom.

**Ir-Rivoluzzjoni tal-Informazzjoni**

Xi kultant, is-satelliti jistgħu jwettqu aktar kompiti minn dawk li nbnew għalihom. Flimkien ma' ftit kollegi kreattivi, Ramon Hanssen, Professur tal-Osservazzjoni tad-Dinja fl-Università tat-Teknoloġija ta' Delft, żviluppa sistema għall-monitoraġġ tas-17 000 kilometru ta' digi fil-Pajjiżi l-Baxxi. Minn dawn, 5 000 kilometru jipproteġu l-Olanda mill-baħar u x-xmajjar ewlenin.

Ikun impossibbli li jiġu spezzjonati dawn kollha spiss mill-art. Dan ikun jiswa wisq. Billi juża stampi tar-radar mis-satelliti ta' osservazzjoni Ewropej tad-Dinja Envisat u ERS-2, id-Direttorat-Ġenerali għax-Xogħol Pubbliku u l-Ġestjoni tal-Ilma (Rijkswaterstaat) jista' jivverifika d-digi ta' kuljum. Anki l-iżgħar moviment jista' jiġi identifikat, għaliex it-tkejjil huwa preċiż sal-inqas millimetru.

Hanssen semma l-kunċett 'Hansje Brinker' wara t-tifel leġġendarju li deffes subgħajh fid-diga biex jipproteġi l-Pajjiżi l-Baxxi mill-għargħar. Allura dan ifisser li l-ispezzjonijiet tad-Direttorat-Ġenerali mhumiex meħtieġa aktar? Skont il-Professur Hanssen, dan mhuwiex il-każ. Ir-radar jindika liema żoni jeħtieġu l-attenzjoni minħabba l-moviment. Spettur jista' jdaħħal il-koordinati fis-sistema ta' navigazzjoni tiegħu, li wkoll hija applikazzjoni tat-teknoloġija tal-ispazju, u mbagħad iwettaq riċerka aktar dettaljata fuq il-post.



### Għal aktar tagħrif

- Rapport tal-EEA 1/2012 **'Towards efficient use of water resources in Europe'** (Lejn użu effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma fl-Ewropa).

Intervista





# Perspettiva Ewropea dwar is-sostenibbiltà

**Permezz ta' serje ta' miżuri leġiżlattivi, dawk li jfasslu l-politiki fl-UE għandhom l-għan li jrendu lill-Ewropa aktar 'effiċjenti fl-użu ta' riżorsi'. Iżda l-Ewropa kif se ssib bilanċ bejn l-ekonomija u n-natura? Fil-kuntest tal-konferenza Rio+20, xi tfisser is-sostenibbiltà għall-UE u l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp? Din hija perspettiva minnhom.**

Intervista ma' Gerben-Jan Gerbrandy

Gerben-Jan Gerbrandy ilu membru tal-Parlament Ewropew fil-Grupp tal-Alleanza tal-Liberali u d-Demokratiċi għall-Ewropa sa mill-2009. Huwa politiku tal-partit liberali Olandiż 'Demokrati 66'.

### X'inhi l-akbar sfida li qed iħabbat wiċċu magħha l-ambjent? Kif nistgħu nindirizzawha?

'L-akbar sfida hija l-isfruttament żejjed ta' riżorsi naturali. Il-konsum tal-bniedem imur lil hinn mill-konfini naturali tal-pjaneta tagħna. Il-mod kif ngħixu, b'mod aktar speċifiku l-mod kif immexxu l-ekonomija tagħna, sempliċiment mhuwiex sostenibbli.

Il-popolazzjoni tad-dinja se tilħaq id-disa' biljuni fi ftit deċennji u se teħtieġ 70 % aktar ikel. Konsegwentement, sfida oħra hija biex insibu modi kif nitimgħu l-popolazzjoni tagħna li qed tikber meta diġà qed niffaċċjaw skarsezza ta' bosta riżorsi.

Sabiex nindirizzaw dawn l-isfidi, irridu naġġustaw il-prinċipji fundamentali tal-ekonomija tagħna. Ngħidu aħna, l-ekonomiji tagħna ma jagħtux valur ekonomiku lil għadd kbir ta' benefiċċji li nirċievu mingħajr ħlas. Il-valur ta' foresta jittieħed inkunsiderazzjoni meta tinbidel f'injam, iżda mhux meta tinżamm sħiħa. B'xi mod, il-valur tar-riżorsi naturali għandu jiġi riflessi fl-ekonomija.'

### Nistgħu verament nibdlu l-prinċipji fundamentali tal-ekonomija tagħna?

'Qed naħdmu dwar dan. Naħseb li ninsabu ferm viċin sabiex insibu modi kif ninkludu l-valur sħiħ tar-riżorsi naturali fl-ekonomija.

Iżda aktar importanti minn hekk, tliet xpruni qed jisforzaw lill-industrija sabiex issir aktar effiċjenti fl-użu ta' riżorsi. L-ewwel wieħed hija l-iskarezza ta' riżorsi. Fil-fatt, qed nosservaw dik li jien insejħilha 'rivoluzzjoni industrijali ekoloġika'. L-iskarsezza ta' riżorsi tisforza lill-kumpaniji sabiex jistabbilixxu proċessi għall-irkupru u l-użu mill-ġdid ta' riżorsi, jew sabiex ifittxu modi alternattivi kif jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti.

Il-pressjoni mill-konsumaturi hija xprun ieħor. Ħares lejn ir-riklami. Il-manifatturi l-kbar tal-karozzi ma għadhomx jitkellmu dwar il-veloċità, iżda dwar il-prestazzjoni ambjentali. Barra minn hekk, il-ħaddiema saru ferm aktar konxji mid-dehra tal-kumpanija li qed jaħdmu fiha.

It-tielet xprun hija l-leġiżlazzjoni. Għandna ħtieġa kontinwa li ntejbu l-leġiżlazzjoni ambjentali għaliex mhux kollox jista' jinkiseb permezz ta' pressjonijiet tas-suq, skarsezza ta' riżorsi u pressjoni mill-konsumaturi.'

## X'inhu l-aktar fattur importanti li jiddetermina l-għażliet tal-konsumaturi?

'Mingħajr dubju, il-prezz. Għal sezzjonijiet kbar mis-soċjetà, huwa lussu li wieħed jagħżel għal xi raġuni oħra li mhijiex il-prezz. Iżda xorta għadu possibbli li wieħed jagħżel li jikkonsma prodotti tal-ikel staġjonali u lokali, jew prodotti friski, u dawn spiss ikunu saħansitra irħas. Hemm benefiċċji ċari għas-saħħa għal dawk l-individwi u għas-soċjetà inġenerali.

L-għażla ta' alternattiva aktar xierqa tiddependi fuq l-infrastruttura kif ukoll fuq l-għarfien tan-nies dwar l-impatt tagħhom fuq l-ambjent. Jekk ma jkun hemm l-ebda infrastruttura tat-trasport pubbliku, ma nistgħux nistennew li n-nies ma jkomplux imorru għax-xogħol bil-karozza.

Jew, fil-każ ta' leġiżlazzjoni, jekk ma nistgħux nispjegaw il-valur ta' ċerti regoli jew liġijiet, ikun kważi impossibbli li ninfurzawhom. Irridu ninvolvu lin-nies u nikkonvinċuhom.

Spiss dan jeħtieġ it-traduzzjoni tal-għarfien xjentifiku fil-lingwa ta' kuljum għall-benefiċċju mhux biss taċ-ċittadini, iżda anki ta' dawk li jfasslu l-politiki.'

## X'jista' jrendi l-konferenza ta' Rio+20 bħala waħda ta' 'suċċess'?

'Għandna bżonn ta' riżultati konkreti, bħal ftehim dwar qafas istituzzjonali ġdid jew miri speċifiċi dwar l-ekonomija ekoloġika. Iżda, anki mingħajr riżultati konkreti, il-konferenza tista' ssir ferm influwenti.

Jiena ferm favur il-ħolqien ta' qorti internazzjonali għad-delitti ambjentali jew sistema istituzzjonali li tkun tipprevjeni t-tip ta' negozjati li ma jistgħux jimxu 'l quddiem li esperjenzjajna fis-serje riċenti ta' negozjati ambjentali.

Indipendentement mill-progress fit-twaqqif ta' istituzzjonijiet bħal dawn, is-sempliċi fatt li qed niddiskutu u nippruvaw insibu soluzzjonijiet konġunti diġà huwa pass enormi 'l quddiem. Sa ftit taż-żmien ilu, in-negozjati ambjentali globali qasmu d-dinja fi tnejn: il-pajjiżi żviluppati u dawk fil-fażi ta' żvilupp.

Nemmen li qed nimxu lil hinn minn dan l-approċċ antitetiku. Minħabba d-dipendenza ekonomika ogħla tagħhom fuq riżorsi naturali, bosta pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp se jkunu fost dawk l-uħud affettwati mill-iskarsezza globali ta' riżorsi. Jekk il-konferenza ta' Rio tikkonvinċi lil ħafna minnhom sabiex jadattaw għal prattiki aktar sostenibbli, jien inqisha bħala suċċess kbir.'

## F'dan il-kuntest, l-Ewropa tista' tgħin lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp?

'Il-kunċett ta' ekonomija ekoloġika mhuwiex biss relevanti għall-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp; fil-fatt, jipprevedi perspettiva aktar fit-tul. Bħalissa, bosta pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp qed ibigħu r-riżorsi naturali tagħhom bi prezzijiet baxxi ħafna. Il-prospetti ta' rendiment f'qasir żmien huma tentazzjoni, iżda dawn jistgħu jfissru wkoll li l-pajjiżi jitilfu mill-benesseri kif ukoll mit-tkabbir fil-ġejjieni.

Iżda nemmen li dan qed jinbidel. Il-gvernijiet qed jitħassbu dejjem aktar dwar l-implikazzjonijiet fit-tul tal-esportazzjoni ta' riżorsi. L-industrija f'bosta pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp bdiet tinvesti fis-sostenibbiltà wkoll. Bħall-kontrapartijiet tagħhom fid-dinja żviluppata, dawn iħabbtu wiċċhom ma' skarsezza ta' riżorsi. Dan huwa inċentiv finanzjarju ferm b'saħħtu għall-kumpaniji madwar id-dinja.

Fil-fehma tiegħi, naħseb li nistgħu ngħinu billi nifthu s-swieq agrikoli tagħna u nippermettu lil dawn il-pajjiżi sabiex jiġġeneraw aktar valur miżjud. Bħalissa, il-kumpaniji barranin jiġu u jieħdu estratti ta' riżorsi, u ftit li xejn ikun hemm kontribuzzjoni ekonomika mill-poplu lokali.

L-agrikoltura inġenerali hija kruċjali. Jekk inħarsu 'l quddiem lejn l-isfidi marbutin mal-produzzjoni globali tal-ikel, jidher biċ-ċar li għandha bżonn ta' aktar ikel u dan jeħtieġ li nżidu l-effiċjenza tal-produzzjoni fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp. Iż-żieda fil-produzzjoni agrikola fil-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp tkun qed tnaqqas anki l-importazzjonijiet ta' ikel min-naħa tagħhom.'

## Bħala ċittadin Ewropew, xi jfisser għalik 'għajxien sostenibbli'?

'Ifisser serje ta' affarijiet żgħar, bħal ngħidu aħna tilbes flokk tas-suf minflok ma żżid it-temperatura tat-tisħin tad-dar, tuża t-trasport pubbliku minflok ma ssuq, u ma tivvjaġġax bl-ajru, jekk dan ikun possibbli. Ifisser ukoll li ngħarraf lit-tfal tiegħi u lill-oħrajn dwar il-kunċett ta' sostenibbiltà u l-impatti tal-għażliet tagħhom ta' kuljum.

Minħabba l-pożizzjoni tiegħi, ma nistax ngħid li dejjem huwa possibbli li jiġi evitat l-ivvjaġġar bl-ajru. Iżda din hija r-raġuni għalfejn irridu nrendu t-trasport bl-ajru ferm aktar sostenibbli, u dan jgħodd bl-istess mod għax-xejriet ta' konsum insostenibbli kollha l-oħrajn li għandna. Dik hija l-isfida tal-ekonomija ekoloġika.'



## Referenzi

EEA report, SOER 2010, Thematic assessments: Consumption and the environment and Material resources and waste:
**www.eea.europa.eu/soer/europe**

EEA report, SOER 2010, Assessment of global megatrends:
**www.eea.europa.eu/soer/europe-and-the-world**

EEA report No 1/2012, Towards efficient use of water resources in Europe:
**www.eea.europa.eu/publications/towards-efficient-use-of-water**

Rio+20 United Nations Conference on Sustainable Development:
**www.uncsd2012.org/rio20**

UNEP report, 2011, From Rio to Rio+20:
**www.unep.org/geo/pdfs/Keeping_Track.pdf**

The European Commission, 2011, Roadmap to a resource-efficient Europe:
**http://ec.europa.eu/environment/resource_efficiency/pdf/com2011_571.pdf**

Water Footprint Network:
**www.waterfootprint.org**

## Ħajr għar-ritratti

**EEA/Ace&Ace:** Paġni 27, 28, 35, 42, 45

**EEA/John McConnico:** Paġna 4

**Gülçin Karadeniz:** Paġni 1, 9, 25, 37, 41, 70

**Pawel Kazmierczyk:** Paġni 53, 54, 62, 69

**Thinkstock photographs:** Paġni 10, 14, 18, 22, 31, 57, 61, 66, 74

**Thinkstock/George Doyle:** Paġna 3

**Istock photographs:** Paġni 6, 38, 77

**Shutterstock photographs:** Paġni 16, 33, 46, 49, 54, 73

**Stockxpert.com photographs:** Paġna 21

**Stockbyte photographs:** Paġna 58

**European Union 2012 EP/Pietro Naj-Oleari:** Paġna 13

**UN Photo/Logan Abassi:** Paġna 65

**IHH Humanitarian Relief Foundation/Turkey:** Paġna 50

## Signals 2012

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tippubblika Signals kull sena, u fih tagħti ħarsa lejn il-kwistjonijiet ta' interess għad-dibattitu ambjentali u għall-pubbliku fis-sena li jmiss.

Signals 2012 jgħaqqad flimkien il-kwistjonijiet ambjentali bħas-sostenibbiltà, l-ekonomija ekoloġika, l-ilma, l-iskart, l-ikel, il-governanza u l-qsim tal-għarfien. Huwa mħejji fil-kuntest tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli — Rio 2012.

Signals ta' din is-sena se jagħtik idea dwar kif il-konsumaturi, in-negozji u dawk li jfasslu l-politiki li huma kapaċi jħarsu 'l quddiem, jistgħu jagħmlu d-differenza billi jgħaqqdu għodod teknoloġiċi ġodda — minn osservazzjonijiet satellitari sa pjattaformi online. Jissuġġerixxi wkoll soluzzjonijiet kreattivi u effettivi għall-preservazzjoni tal-ambjent.


## Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent

Kongens Nytorv 6
1050 Kopenħagen K
Id-Danimarka

Tel: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries



ISBN 978-92-9213-265-1

9 789292 132651

Publications Office


L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent




TH-AP-12-001-MT-C
10.2800/34424